Il-Ħmistax-il Sena Jan.-Marzu 1945 Għadd 167-169.

# Leħen il-Malti

**MAĦRUĠ**

**MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').**

**VASSALLI L-EWWEL MISSIER TAN-NAZZJONALIŻMU MALTI GĦALL-ĦILA TAL-PINNA LI HU QAJJEM FOSTNA BIS-SAĦĦA TA' LSIEN ART TWELIDNA.**

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| *Editorjal* | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., PH.D. (Lond.) |
| *Il-Għanja tal-Gliedu* | M. Mizzi |
| Il-Mina ta' l-Imħabba | A. Cremona |
| *Rebbiegħa* | W. Gulia |
| *Tieġ Straordinarju* | M. Meylak |
| *Lill-Vjola* | Dun Ġ. Farrugia |
| *Fit-Twelid* | P. Portelli |
| Feliċ | M. Mizzi |
| Kif Jgħajtu l-Bejjiegħa | Ġ. Cassar Pullicino |
| *Frak* | R. M. B. |
| Nomi u Suriet Kollettivi fil-Malti | P. Borg |
| Ir-Rev. C.L. Dessoulavy | Prof. P. P. Saydon |
| Reċensjoni | Ġidi |

## LILL-IMSEĦBIN TAGĦNA

B'dan il-għadd bdejna sena ġdida. Ngħarrfu lill-imseħbin biex jibagħtu 2s. 6d., il-ħlas tat-tisħib għas-sena 1945, lis-Sur Anton Azzopardi, 165, Triq Rjali, Ħamrun.

IL-KAXXIER.

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ mill-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

JAN.-MARZU 1945. IL-ĦMISTAX-IL SENA Għadd 167-169.


# *IL-POLZ TA' MALTA*

## *Editorjal*


*Tal-Professur* G. AQUILINA, B.A., LL.D., PH.D. (LOND.)


*ĦAFNA l-ħajja jgħixuha bil-għamad quddiem għajnejhom, u daqskemm jidraw id-dlam, bid-dawl ma jridux jafu. Jibżgħu mid-dawl, għax id-dawl jikxef kollox, it-tajjeb u l-ħażin. Imma jekk fid-dlam ċappa tal-ħajja inti ma żżommx ix-xemgħa tal-idijal taqbad quddiemek u madwarek, ma tistax ma titfixkilx u tieħu triq b'oħra. Ma jeħux triq b'oħra min għajnejh iżommhom fuq ix-xemgħa għax din turih fejn għandu jmidd riġlejh.*

*Dal-ħsieb ġabuhuli f'rasi l-ħafna Maltin li minn kif qegħdin igħixu, bla nifs u mgħaġġlin, donnhom ġew fid-dinja biex jistagħnew biss u jżidu fortuna li ma għamlulhiex tarf fejn għandha tasal. "Aħdem u aħdem, u, jekk hemm bżonn, għawweġ", dan donnu l-ħsieb ħani tagħhom. U mħabba f'hekk rajna hawn Malta u Għawdex f'dawn il-ħames snin tal-gwerra jisħon u jiħrax il-"Black Market", is-serq ta' ħwejjeġ tal-Kuruna, it-taħsir morali, il-bruda għas-sewwa, korruzzjoni ta' nies li l-kariga tagħhom ma tħallihomx jieħdu rigali minn għand in-nies, kif ukoll il-mibegħda u l-intrigi u t-tkasbir tal-ġieħ tal-mara Maltija.*

*Dan it-taħsir ikreh ifakkarna fil-vers aħrax tal-Poeta tagħna Dun Karm lil Malta: "Kont il-warda tad-dinja w sirt bħal miżbla", u fiċ-ċanfira ta' Dante lil "Firenze", fi żmienu bejta tal-ħallelin, ċanfira li jekk flok "Firenze" naqraw "Melita" toqgħod lil Artna li tilfet ruħha meta għamlet l-akbar isem fl-istorja tad-dinja:—*

"Godi, Melita, poi che sei sì grande,
Che per terra e per mare batti l'ali,
E per lo inferno tuo nome si spande".

(*Inferno*, Canto XXVI. vv. 1-3).

*In-nies li ġabu, jew ħallew isir, dan it-taħwid kollu fostna, daqskemm qabdithom regħba kbira għall-ġid ta' mingħajr għaraq, donnhom qatt ma ħasbu li meta bniedem ikun qiegħed l-akbar somma ta' flus f'dan jew f'dak il-bank, min-naħa l-oħra jkun laħaq naqqas l-akbar għadd ta' jiem tal-ħajja tiegħu mill-bank tal-ħajja. Dawk li jġammgħu l-flus għall-bank ta' nies oħra bħalhom, jaqblilhom jidħlu ftit fihom infushom u jiftakru fil-*


The Royal University of Malta

*bank tal-ħajja kollu. Tagħmel depożitu f'bank u minn dak il-ħin tbattal mill-ġranet ta' ħajtek minn bank ieħor, din hi l-istorja tal-bniedem fid-dinja. Kieku dawn in-nies ħasbu biżżejjed f'dan, kienu jidħlu ġo qoxrithom u, jekk mhux għall-mistħija tal-ġieħ tagħhom, għallinqas għall-biża tal-ġustizzja, kienu jistaqsu lilhom infushom fejn jaħsbu li sa jaslu bir-regħba u l-ħell tagħhom.*

*Fid-dinja kien hawn nies li ġilhom dal-ħsieb u mħabba f'hekk bdew iħarsu lejn il-ħajja xort'oħra. Fost dawn hemm dawk li mbagħad qalu: "X'tiswa mela l-ħajja daqshekk qasira? L-aħjar li ngawdu sa ma ndumu ħajjin, u hekk inkunu mitna darba biss." Din hi l-filosofija pagana li nsibu mfissra fil-poeżija "Rubaiyat of Omar Khayyam of Naishapur" ta' Edward Fitzgerald:—*

"Ah, fill the Cup.—What boots it to repeat  
How time is slipping underneath our Feet:  
Unborn Tomorrow and dead Yesterday,  
Why fret about them if Today be sweet"!

. . . . . . . . . . . . .

"How long, how long, in definite Pursuit  
Of This and That, endeavour and dispute?  
Better be merry with the fruitful Grape  
Than sadder after none, or bitter, Fruit".

*Din hi l-fehma tal-pagani. Il-għaxqa tas-sensi mingħajr moralità u mingħajr Alla. Imma oħrajn li jibnu l-ħajja fuq dawn iż-żewġ sisien, jiġifieri fuq il-moralità u fuq Alla li hu n-nixxiegħa l-kbira mnejn toħroġ din, il-ħajja jarawha xort'oħra, u mhux biss li ma jarawhiex qasira bħall-pagani, imma jarawha twila twila, biċċa waħda mill-Eternità. Għax il-mewt għalihom mhix ħlief waqt żgħir, bħal illużjoni, qisha r-raqda żgħira ta' bejn ġurnata u oħra meta l-bniedem jaqbeż mid-dlam tal-lejl għad-dawl ta' jum ieħor mingħajr ma lanqas jittendi.*

*Mit-tieni filosofija ħarġu l-qaddisin u l-galantomi, iċ-ċittadini onesti, u dawk kollha li tħabtu għas-saltna t'Alla f'din id-dinja, waqt li mill-ewwel filosofija ħarġu n-nies xalaturi, iċ-ċittadini l-ħżiena li għalihom il-flus u l-ġid huma l-quċċata tal-ħajja, nies bla ruħ li għall-flus iqarrqu bil-pajjiż tagħhom u jistagħnew b'ġid ħaddieħor. Issa jgħid il-qarrej liema hi l-ħajja li Malta qiegħda tgħix daż-żmenijiet. U lanqas ma għandu jweġibna l-qarrej li, biex nagħtu xi eżempji minn pajjiżna, dan jew dak in-neguzjant li xtara l-ixkejjer tad-dqiq bil-lira l-waħda u mbagħad biegħhom bl-erbgħin lira l-waħda fi żmien il-ġuħ, jonkella bidilhom mad-deheb tal-fqar, jew li dan jew dak il-bniedem li fi żmien il-ġuħ ta' l-assedju stagħna bis-serq ta' ikel għalih u għall-bhejjem tiegħu, jew li dan jew dak il-bniedem li jixtri l-bottijiet tal-ħalib*

*bl-erba' soldi u mbagħad ibigħhom lill-morda bit-tliet xelini, huma nies tal-knisja għax ħafna drabi jarawhom jitqarbnu u jinvistaw il-"Via Sacra", il-għaliex għandna niftakru li ħafna jsibu li jaqblilhom juru wiċċ b'ieħor għal għajnejn in-nies, jonkella, boloh, iqarrqu bil-kuxjenza tagħhom u jaħsbu li hekk ukoll ser iqarrqu b'Alla.*

*Jidher ċar li nies bħal dawn jew iridu jsikktu l-kuxjenza tagħhom imħabbla, jew iridu jagħmlu dak li t-Taljani jgħidu "salvar le apparenze", bħal dawk in-nisa żienja tas-soċjetà għolja li jitgħarwnu u jiżfnu mhux xieraq, jew jiżżagħblu ħallata ballata f'każini puliti ma' rġiel ta' ħaddieħor u biex juruk kemm huma qalbhom safja jgħidulek li kienu tqarbnu fil-għodu u li beħsiebhom jerġgħu jitqarbnu l-għada. Għax ġara li Malta qed traqqad il-kuxjenza tagħha billi sikwit tiftaħar li hi "nobilissima e cattolicissima". Imma dawn iż-żewġ kelmiet aħjar flok noqogħdu ntennuhom bla ħsieb, naraw jaqbelx aktar ma nsemmuhom xejn għax bihom, bħal doża qawwija tal-loppju, qegħdin irraqqdu l-kuxjenza tan-nazzjon Maltija, u meta lill-ħażin tgħidlu li hu tajjeb, dan bħal jibda jemmen. Niftakar li qrajt f'xi wieħed mill-istudji ta' Lombroso, kriminologu magħruf ħafna, li nies ħżiena bħal ħallelin u prostituti jitilfu l-kuxjenza tat-tajjeb u l-ħażin hekk bl-ikreh li għax-xogħol tagħhom jixegħlu x-xama' lill-qaddisin biex jaqilgħu l-għajnuna tagħhom.*

*Mela biex ma noqogħdux nitilfu t-triq jew, kif kien igħid Dante, "il ben dell'intelletto", bħalma ħafna minna donnhom qegħdin jagħmlu, jeħtieġ li nixegħlu xemgħa qawwija f'dan id-dlam ta' madwarna, ix-xemgħa li tofroq id-dlam ta' din l-għarukaża morali u ċivili bid-dawl ta' idijal. L-idijal nistgħu ngħidu li hu ħsieb kbir u sabiħ li jistħoqqlu l-ħidma tagħna sew jekk din il-ħidma tħalli flus u ġid warajha, sew jekk tfaqqarna. Għax m'aħniex pagani, lanqas Umanisti, imma Nsara, jeħtieġ li dan l-idijal jiġbor fih il-prinċipji reliġjużi ta' Ġesù Kristu, prinċipji li wieħed m'għandux jemmen fihom inqas bid-dieher u bil-qawwi milli l-Faxxisti emmnu fid-Duce tagħhom, in-Nażisti f'Herr Hitler jonkella l-Ingliżi f'Churchill. Minn dawn il-prinċipji nitgħallmu l-bżonn ta' ħbiberija u fehma waħda bejn il-klassijiet kollha, u ta' mħabba għall-ħaddiema li, fin-nuqqas ta' tagħlim li għadhom ibatu, kif ukoll ta' kumditajiet meħtiġin għall-ħajja xierqa, jiġbru kontra tagħna l-akbar xhieda ta' kemm ir-Reliġjon Kattolika hawn Malta sa issa barxitna sal-ġilda biss u qajla nifdet il ġewwa sal-qalb. Għalina Alla u x-Xjenza—u kull progress eko-*

*nomiku soċjali—joqogħdu flimkien bħad-dawl max-xemx, u għal-hekk aħna ma nistgħux nifirdu l-progress soċjali mir-Reliġjon Nisranija, u jidhrilna li jkun qiegħed inaqqas is-saħħa u s-serjetà tar-Reliġjon fostna u l-ħsieb ta' l-Imgħallem tagħha kull min, ilum jew għada, jinqeda biha biex iħares ir-regħba ta' x'uħud minna u jiżbogħ bl-"aħmar" lill-ħbieb tal-ħaddiema li aħna rriduhom aħjar fir-ruħ, fil-ġisem u fil-moħħ.*

*Tassew, daqs kemm naqset u tilfet ġiehha l-irġulija fostna, inħossu li l-polz tan-nazzjon qed iħabbat baxx wisq. Aħna bħal irridu nħarsu 'l quddiem u naraw il-bidu ta' ġrajja isbaħ fi ħdan l-Assemblea Nazzjonali li qiegħda tiltaqa' biex tħejji Kostituzzjoni xierqa lill-Gżejjer tagħna. Imma lilna jaħbtu jħassbuna l-ġrajjiet ta' l-imgħoddi, l-ismijiet ta' nies li kellhom darba l-okkażjoni jagħmlu ġid 'il-pajjiż fl-aħjar ta' ħajjithom, imma flok għamlu l-ġid inbarmu fit-taħwid u l-intrigi tal-partiti, kif ukoll il-fatt li l-libertà politika ma tistax tgħix ħielsa mill-għawi u mill-qerq, f'pajjiż fejn il-kotra tan-nies la taf taqra u lanqas tikteb, u wisq inqas iġġib ruħha. Għalhekk mela jeħtiġilna nżommu tix-għel dejjem ix-xemgħa ta' l-idijal biex il-Kostituzzjoni li qegħdin naħdmu għalha ħadd ma jinqeda biha bħala okkażjoni ta' karriera għall-ġid tiegħu nnifsu biss, jonkella bħala okkażjoni biex jistgħu jerġgħu jitqajmu dawk il-kwistjonijiet midfuna, li, bħal doża qawwija ta' loppju, qatt ma ħallew lill-poplu jara l-faqar u l-injoranza ta' madwaru u jitlob liġijiet għall-fejqan tagħhom. Inkella l-polz ta' Malta jibqa' sejjer lura sa ma tmut għal kollox.*

---

## IL-GĦANJA TAL-ĠLIEDA

*Awwissu ġabar qamħu w mar bis-sliema.*
*Settembru beda jaħseb biex isajjar*
*L-inbid fil-ġwiebi — id-demm sħun li jtajjar*
*Minn ġol-qalb u mill-moħħ kull ħsieb ta' ndiema.*

*Bdiet il-ħamla li ġġorr kollox quddiemha.*
*It-trigat ta' l-ibliet saru bħal xmajjar,*
*F'tarfhom il-Mewt. Id-demm mela l-għadajjar*
*Li jirfsu bla jintebħu il-ħalliema.*

*U twaqqgħu siġar xjuħ, twaqqgħu blanzuni,*
*Mietu nisa w irġiel bla ebda ħtija,*
*Mietu minn kullimkien, mietu miljuni.*

*Intradmu nħawi sħaħ, spiċċat sbuħija,*
*Inħasdu popli w ġnus, tneħħew kuruni,*
*U twaqqfet saltna kbira ta' ħruxija.*

**M. MIZZI.**

# IL-MINA TA' L-IMHABBA

*Novella ta'* A. CREMONA

*Mimì è una civetta.*
BOHEME.

IX-XEMX bid-dawl fietel tagħha wara nofs in-nhar ta' jum sitwi kienet għadha tiddi bla ebda ħajbur fuq il-ħdura tal wileġ ta' taħt il-għolja ta' l-Imtarfa; u fuq il-ħaxix, 'l hawn u 'l hinn, kien għadhom ileqqu bħal dija ta' fosos taż-żġieġ il-qatriet tax-xita tal-lejl ta' qabel. Mimì—tfajla fuq ruħha, b'par wardiet ħomor ħomor fuq ħaddejha, u bi tbissima fuq fommha, bil-pass jaqbeż ħafif ħafif, milfufa f'"coat" oħxon lewn il-ħamrija, bil-għonq imtalla' minn wara, u b'xalla kaħla tal-ħarir madwar għonqha bit-trufijiet jittajru ma' kull qabża, b'idha l-lemenija mqabbda ma' ta' Victor, ħabib ġdid tagħha li saret tafu ewl il-lejl fil-ballu ta' l-Istudenti għeluq is-sena, fejn żifnet u beqgħet tiżfen miegħu sa ma kien għoddu sebaħ—kienet nieżla mill-mogħdija ta'fuq il-wita tat-Trunċieri tas-swar ta' l-Imdina, lejn dak il-bini battal u ħiemed bis-siġar u ħxejjex madwaru fejn dari n-nies kienet tistenna biex tirkeb fuq il-vagun tal-ferrovija u fejn dari kont dlonk tisma' t-tisfira tal-makna tal-ferrovija li bħal kelb jinbaħ kienet toħroġ minn dik il-mina s-sewda tarmi d-duħħan minn imnisfejha.

Kien l-ewwel nofs ta' nhar li fih Mimì lteqgħet ma' dan iż-żagħżugħ, student tal-liġi, biex toħroġ ħarġa miegħu, iżda għalkemm dik kienet l-ewwel laqgħa, l-għada li żifnu flimkien, hekk kif ilteqgħet miegħu fil-ħin li kienu miftehmin taħt is-siġar tal-Gnien tas-Saqqajja, hija ħasset li bħalkieku kienet ilha tafu x-xhur. Hekk ukoll ħass Victor, għax Mimì kienet tkellmek b'għajnejha u torbtok ma' qalbha. Il-lejl ta' qabel, fil-ballu, kienet lemħet lil Reggie, Kaptan fl-Artillerija, li, qabel ma daħal fir-reġiment kien student magħha u li kien ħalla l-kors wara li din kienet telqet l-istudji universitarji biex tat ruħha għall-mużika u għall-kant. Reggie u Mimi kien ilhom jafu lil xulxin u minn daqsxejn ta' ħbiberija bejn il-familji ta' xulxin nibtet ukoll bejniethom it-tnejn bħal ġibda lejn xulxin li iktarx kellha minn ħbiberija milli imħabba. Iżda f'Reggie din il-ġibda maż-żmien kibset f'ħuġġieġa waħda ta' ġenn lejn is-sieħba ta' tfulitu, u flaħħar fissrilha dak kollu li kien qed iħoss għaliha. Hi tbissmitlu u damet ma wieġbet għalkollox għal imħabbtu; flaħħar qaltlu li hi

tħobbu wkoll, u wara li ttamatu b'ħars ħelu u bi kliem ħelu li tibqa' tħobbu, sew sew wara xi ġranet li daħal f'dahra bħala għarus, Mimì ġennbitu f'daqqa waħda. Mimì kienet bħal dak il-farfett li fil-ġonna ta' l-imħabba ma kenitx tħobb idduq minn warda waħda! Reggie, f'dak il-ballu tal-lejl ta' qabel, kien ukoll lemaħha u qaleb għajnejh bil-moħbi fuqha, u ġie waqtiet li għajnejh ma qalagħhomx minn fuqha. Meta raha mdendla dejjem ma' Victor, jew lilha u lilu wħudhom f'xi rokna, hu baqa' waħdu jaħrab lil sħabu f'qiegħ is-sala; ikellmuh u ħsiebu band'oħra.

Mimì, hija u nieżla mal-ħabib ġdid tagħha minn dik il-mogħdija tal-wilġa ta' l-Imtarfa ta' taħt it-trunċieri dlonk għadda minn quddiem għajnejha dak iż-żmien hekk hieni u sabiħ ta' meta hija u Reggie, meta kienu għadhom kif sebqu ż-żmien ta' tfulithom, kienu jinżlu hemm isfel uħudhom biex jaħarbu minn ħdejn darhom mill-ħarsa ta' nieshom, iżda fil-moħħ ħieragħ u fil-qalb bla xaba' ta' Mimì tifkirijiet ta' l-imgħoddi bħal dawn dlonk kienu jtiru u jgħibu bħal daħna.

Kif waslu taħt is-siġar Mimì u seħibha fettxew wieħed minn dawk il-ftit bankijiet ta' l-injam li kienu għadhom ma therrewx bil-qilla tax-xemx u tax-xita—u sabuh taħt l-aħħar siġra tal-*ficus* ta' fuq il-bankina tal-mogħdija tal-ferrovija l-qadima. Is-sikta ta' dik il-wilġa battala mill-ħsejjes ta' makni u ta' nies f'dak in-nofs ta' nhar ta' ajru fietel quddiem il-ħdura ta' għelieqi—ukoll battala min-nies tar-raba'—b'xi merħla ta' xi erba' nagħġiet jirgħu u jixxebilku mal-ħitan tas-sejjieħ f'xifer il-wied, f'nofs ta' nhar ta' l-Ewwel tas-Sena, dawk iż-żewġt irwieħ żgħażagħ ħassew ruħhom mifrudin għalkollox mix-xkiel seksieki tad-dinja u trekknu ma' xulxin. Victor dawwar idu l-leminija ma' għonq Mimì u idu x-xellugija f'idejha t-tnejn f'ħoġorha.

— Xinhu l-aħjar, il-lum jew ilbieraħ—il-lum li aħna wħudna fis-skiet ta' dan ir-raba', jew il-bieraħ fost iż-żfin u d-daqq?— staqsieha bi tbissima Victor għajnejh ġewwa għajnejha.

— Il-bieraħ kienet l-aħħar ġurnata tas-sena—wieġbet ittfajla b'nofs tbissima, fil-waqt li mejlet kemm xejn il-ħarsa tagħha fuq ħoġorha bħal kieku ħosbiena—u ż-żfin ta' l-aħħar lejl tas-sena, jiena nħobbu wisq iżjed miż-żfin ta' lejliet oħra... għalkemm dak Reggie... b'dawk id-daqqiet ta' ħarsa kerha......

— U għadek toħlom bih?

— Għadni noħlom bih!... X'waħda din! Kif dejjaqni b'dawk il-għajnejn iħarsu dejjem minn taħt... quddiemi dejjem... kull fejn niċċaqlaq...

— Bżajt minnu?

— Bżajt minnu!...... Ma stennejtux...... għallinqas jien ma xtaqtux u lanqas ma tajtu xi tama li xtaqtu jew għamiltlu l-qalb biex jiġi... Jiena kont tlaqtu... ħrabtu u b'għajnejja ma ridtx narah iżjed... Kif kien idejjaqni! Kieku taf... bniedem bħal dak... min kien jobsru... min jista' jgħix miegħu?...

— Imma inti ilek tafu... ilek ħbieb miegħu... ilek li drajtu... saħansitra dan l-aħħar kien midħla tad-dar tagħkom...

— Iva... għax hekk riedet il-mamà.. ilna nafu 'l xulxin... niesu u niesi midħla wkoll ta' xulxin... ilna nafu 'l xulxin mindu tfal... drajna 'l xulxin...

— U tħobbu 'l xulxin.

— Huwa, iva. Dan l-aħħar imbagħad... Oh x'ġenn! Ma kien iridni mmur imkien, ma nkellem lil ħadd... lanqas lil ħbieb tiegħu... lil studenti sħabi. X'ħajja!... Nittama li inti Victor, ma tkunx hekk kiefer miegħi, hux tassew?—U fil-waqt, Mimì biddlet il-leħen imqit u ċ-ċiera ħarxa tagħha, u, bi tbissima, qalbet għajnejha kollha ħniena fuq il-ħarsa daħkana ta' Victor u bdiet tmellislu idu x-xellugija li baqgħet f'ħoġorha.

— Għaliex qed tistaqsini?—wieġeb bi ħlewwa Victor.— Jaqaw tridni nagħlaq għajnejja?

— Iva.

— Għaliex?

— Għaliex, inti, la tkun tħobbni, għandek tafdani... Wieġbet minnufih l-oħra b'għajnejha mwaħħlin f'għajnejn il-ħabib ġdid tagħha b'fommha daħkani u b'idejha dejjem magħfusin ma' idejh.

— Imma mhux din id-drawwa tagħna l-irġiel. Min iħobb igħir u min igħir ma jafdax...

— Imma dak kellu drawwa wisq kerha... wisq kiefra. Kien ried ijassarni... u jien irsira m'iniex. Dak in-nhar li għedtlu li sa nieħu sehem fil-"Geisha" mal-*Amateur Variety Company*, u li jiena sa nagħmilha ta' Geisha... oh kif wiċċu tbergħen... kemm ħabbat saqajh, kif telaq bil-ħerra u sabbat il-bieb tal-kamra ma' wiċċi... il-mamà sejħitlu; hu baqa' sejjer... L-għada rani sejra lejn il-Belt... waqqafni fuq is-Saqqajja fejn il-Buses. "Fejn sejra?" qalli. Jien dawwart wiċċi u bqajt miexja; huwa nħasad. Kont sejra għall-kunċert. Minn dak in-nhar lil Reggie ma kellimtux iżjed. Lejla waħda sejjaħli l-papà. Il-papà tabib ta' niesu. "Mimì", qalli, x'għamiltlu lil Reggie, għaliex ma tridx tkellmu?"—Jien ma weġibtux. "Għadni kif mort rajtu," issokta

qalli, ''dak it-tifel sa taqbdu nevrastenija... u l-ħtija sa tkun inti. Sa toqtol lilu u lil ommu. Mhux hekk, Mimì, aħsibha''. U telaqni. Minn dak in-nhar xi swied ta' qalb. Oh kemm hi ħajja kiefra li jkollok tħobb bilfors... Le, le Victor, inti tagħdirni hux tassew?—Jiena l-lum l-ewwel darba li għandu jkun bdejt naf x'jiġifieri mħabba...—'' U Mimì ħbiet wiċċha bejn idejha fuq id-dahar tal-bank u nfexxet tibki.

— X'inti belha! Għaliex qed tibki?... Għidli, Mimì... jekk inti jidhirlek li għandek tagħmel kif jixtieq il-papà tiegħek... jien ma rridx infixkel u nġib il-għawġ... forsi kont tħobbu, forsi għad targa' tħobbu—Infexx igħidilha Victor fil-waqt li fettex li jżiegħel biha u jsabbarha.

— Le, le, xejn minn dan kollu... jien nagħli għal papà... nagħli għal mamà... għax huma, iva, huma jħobbuh... imma jiena le, jiena le...—wieġbet Mimì b'nifisha maqtugħ wara li qajmet rasha, ħarġet maktur minn basket tal-ġild u ixxettat iddmugħ.

— Isa, mela—qalilha Victor, fil-waqt li baqa' jżiegħel biha —kun daħkana bħal qabel... Insa kollox... il-lum l-Ewwel tas-Sena. Issa għandek lili, hux tassew? Taħseb f'ħadd iżjed. Issa darb'oħra, Sibt ieħor, narġgħu mmorru l-ballu flimkien. Aħna l-istudenti dalwaqt ikollna reċta t-Teatru Manoel; nieħdu sehem flimkien. Sa nagħmlu l-''Bohême''. Inti tagħmilha ta' Mimì u jien tal-Pittur... Sewwa... Isa, mela imsaħ dak id-dmugħ.—U bil-maktur tagħha stess beda jimsħilha l-aħħar żewġ demgħat.—Isa ħa narak tidħak mill-ġdid. Neħħi dik iċ-ċiera.—Għamel sebgħu l-werrej fuq xufftejha ta' taħt u kixfilha snienha. Dik tbissmet. Hu ressaq xuftejh lejn xufftejha, xeħtu idejhom madwar għonq xulxin u tgħannqu għall-ewwel darba.

* * *

Kif qajmu rashom u fetħu għajnejhom ix-xemx kienet tgħattiet bi sħaba bajda; sħab ieħor jagħti fl-iswed misjuq mir-riħ majjistral kien riesaq ukoll lejn ix-xemx. Id-dawl tan-nofs ta' nhar iddennes u dlonk bdiet tinħass xi taqtira xita xxarrab l-art.

— X'waħda din. Ir-rxix! Kif tħassar in-nofs ta' nhar. Kien hekk sabiħ!—infexxet tgħid Mimì.

— Tibżax!—weġibha Victor—nidħlu taħt dik il-mina.— Qam minnufih, qabad f'id Mimì u ħabat sa jiġbidha lejn il-mina l-qadima tal-ferrovija. Mimì inġibdet lura, bħal stmerret li tmidd il-pass.

— Xi ġralek?—staqsieha Victor.

— Dik il-mina! X'waħda din!

— Tibża'?—staqsieha bid-daħka Victor.

— Le... le... ma nibżax... imxi immorru—qabżet qaltlu fl-aħħar Mimì ftit u xejn mistħija, u biex ma turix li qiegħda tibża' nħallet mn'idejh u telqet tiġri l-ewwel waħda biex tistkenn mix-xita li minnufih bdiet traxxax sewwa.

Dik id-daħla tal-mina kienet qisha l-bokka ta' degħbien ta' dlam bla tarf... is-skiet ta' dik id-daħla kien xi ħaġa li għandha minn xi ħabs tar-ruħ tal-bniedem. Mimì tat daqqa ta' għajn lura; dik id-dalma u dak is-skiet fakkruha f'xi ħaġa li tbeżżagħha u rtasset ma' Victor. Dan dawwar idejh ma' qaddejha.—Mimì—qalilha wara ftit—qed jiġini ħsieb. Għandu jogħġbok. Il-ħin għadu. Nagħmlu ħaġa... Ladarba ma nistgħux nitgħaxxqu bil-ħdura ta' l-egħlieqi, nidħlu ġol-mina...—u hawn dawwar wiċċu—u nibqgħu sejrin sakemm naslu sat-tarf tagħha, fl-Istazzjon il-qadima tal-ferrovija tar--Rabat u minn hemm nerġgħu għas-Saqqajja u mbagħad inwasslek id-dar.—Mimì baqgħet tirtass miegħu u qalbet għajnejh fuqu... bejn donnha xtaqet u ma xtaqetx.—F'dak id-dlam—weġbitu—lanqas naraw nimxu.—Taqtax qalbek—dlonk tennielha Victor,—għandi t-torċa tal-batterija, naraw nimxu qisna bin-nhar.—U hekk kif seħibha ċċaqlaq u medd il-pass, b'idejh ix-xellugija mħaddna ma' qaddejha u b'idu l-oħra jżomm it-torċa u jdawwal il-mogħdija, hija tħarket u bdiet tkaxkar il-pass.

Id-dlam iswed ta' dik il-mogħdija kien ilu ma jinkiser minn xi xaqq dawl u l-passi tagħhom fuq art iebsa u ħarxa kienu jidwu ġewwa dak il-vojt b'ħoss imkaxkar bħal ta' żewġ bnedmin għaddejjin bil-moħbi minn xi trieq imwarrba fil-qieragħ ta' lejl xitwi biex itemmu xi serq. Id-dawl ta' fomm il-mina kien ilhom li ħallewh warajhom u issa kienu mexjin fi ċpar iswed minn wara u minn quddiem u d-dija ħierġa bħal żennuna minn ġewwa l-ħġieġa tat-torċa ma kenitx tixħet ħlief bħal strixxa dawl kemm turi l-art li fuqha kienu qed jirfsu r-riġlejn. Victor ħass l-id il-leminija ta' Mimì kiesħa silġ fuq idu li kienet madwar qaddha. Dik l-id ħassha wkoll titriegħed hekk kif wara ftit instama' ċ-ċarċir ta' l-ilma nieżel mill-blat tal-ħitan.

— Għax qiegħda titriegħed?—staqsieha.

— Deherli li smajt bħal ħoss—weġbitu Mimì, b'leħen ukoll imriegħed.

— Dan hu ċ-ċarċir ta' ilma nieżel mill-blat—qallha bil-mod Victor.

— X'waħda din! Dan hu dak il-ħoss li smajt f'widnejja meta darba Reggie kien daħħalni hawnhekk—temtmet Mimì.

— Ma' Reggie?! Hawnhekk... U kont tobogħdu?

— Kienet ix-xita bħal-lum. Iżda hu qarraq bija. Ma kontx naf li hawn dan id-dlam kollu. F'daqqa waħda demmu xegħbu, sew sew kif smajna dan il-ħoss; waqaf, għafasli idejja t-tnejn ġewwa idejh, ressaq wiċċu ma' wiċċi, u qalli b'leħen maħnuq: "Għidli li inti ma tħobbx ħlief lili!" Ma' dik il-għajta jiena werżaqt. "Mimì!" għajjat Reggie. Jiena żlaqt minn idejh u f'dan id-dlam irġajt lura qisni ruħ mitlufa sakemm wasalt fil-bokka tad-daħla mingħajr nifs u rġajt lejn dari u lilu ħallejtu jfittixni mitluf f'din id-dalma, u jgħajjat "Mimì! Mimì!"

Victor waqaf jismagħha tgħid b'nifisha maqtugħ. Lanqas laħaq ħarrek pass ieħor x'ħin il-bogħod il-bogħod dehret toqba li tagħti għal beraħ u nsternghu bħal ħsejjes ta' roti tqal għaddejjin minn fuq is-saqaf tal-mina. Huwa u Mimì waqfu jissemmgħu. Dawk il-ħsejjes baqgħu jitkaxkru u jitmewtu. Ma laħqux med-dew pass ieħor x'ħin leħħa mil-lewn in-nir daħlet isserrep u taq-sam id-dgħabien ta' dik id-dalma u warajha dwiet bħal damdima ta' tfaqqigħa fil-bogħod li riegħdet l-art u mbagħad bħal ħsejjes ta' wied nieżel u gliegel ta' ilma jċarċru mal-ħitan.—X'waħda din! Fejn ġejna?... Infittxu noħorġu minn hawn... Jien qed nib-ża'... Nistħajjilni dieħla fl-Infern! Nerġgħu lura, Victor; jien ma rridx nimxi iżjed—bdiet titolbu bir-rogħda fuqha Mimì.

— Issa għoddna wasalna; aħjar hawn inkella barra fil-beraħ. Din taqliba ta' l-ajru; ma ndumux ma naslu f'tarf il-mina—weġibha b'leħħa kbira Victor fil-waqt li għena titkaxkar b'idejh ix-xellugija mħaddna ma' qaddha.

— Nifsi qtajtu... riġlejja kesħu—issoktat tgħid l-oħra b'le-ħinha maqtugħ.

— Kuraġġ, Mimì... ftakar li għandek lil Victor miegħek... taqtax qalbek, dalwaqt naslu...

— Min jaf il-mamà... min jaf il-papà... Alla jħares jafu fejn ġibtni...

— Għadu ma dalamx... għadu l-ħin... imxi—u Victor erħilu jiġbed u jkaxkar il-ġisem nofsu mejjet tal-maħbuba tiegħu sa-kemm huwa u hi qorbu lejn il-fetħa ta' tarf il-mina, nifishom maqtugħ u b'rogħda fuqhom bħal dik ta' tnejn li qed jaħarbu minn xi waħx li kien madwarhom jhedded il-ħajja tagħhom.

Hekk kif waslu f'tarf il-mina u ġew fil--beraħ, l-ajru kien għoddu ssaffa u l-aħħar dija tnewnem ta' l-imrieżaq tax-xemx

kienet turi fis-sema qtajja' ta' sħab nieżel lejn ix-xaqliba tax-xlokk tal-Gżira. Minn ġol-ħitan tas-sejjieħ ta' l-egħlieqi tażżewġ naħiet tal-mogħdija l-qadima tal-ferrovija kienu neżlin glieġel ta' l-ilma mix-xaba' ta' l-art. u xi taqtira 'l hawn u 'l hinn kienet għadha tinħass traxxax fl-ajru.

Victor u Mimì ħadu nifs qawwi u ntelqu fuq ġebla kbira malħajt ta' xifer il-fetħa tal-mina b'idejhom imgeddsin ma' ta' xulxin, b'xufftejhom jirtriegħdu bil-bard u b'rashom imgħaddsa, u strieħu hemmhekk bħal żewġt irwieħ herġin mitlufa minn trieq imwiegħra wara l-ewwel mixja ta' Mħabba fid-dlam......

* * *

Iż-żiffa ta' riħ jonfoħ mill-majjistral kien naddaf is-sema għalkollox u d-dalma ta' fil-għaxija kienet bdiet issewwed l-ajru fil-waqt li wiċċ il-qamar deher tielgħa b'par għajnejn daqshiex iħares kollu mgħaġġeb x'ħin Mimì kienet ħadet b'idejn Victor, sellmitlu, kisret il-kantuniera ta' waħda mit-triqat ta' quddiem it-trunċieri tas-swar ta' l-Imdina, ħaffet il-pass, waslet quddiem bieb tal-ħadid ta' ġnien, ġibdet il-katina ta' qanpiena u, hekk kif infetħet il-bieba, qasmet b'ġirja kbira l-mogħdija tal-ġnien, telgħet ukoll b'ġirja kbira t-taraġ ta' quddiem id-dar, u minn taħt loġġa għaddiet għal ġewwa d-dar minn antiporta ta' żġieġ iffjurat u baqgħet dieħla fis-salott u ntefgħet fuq sufan. L-intrata u s-salott kienu mdawlin, iżda l-bqija kien jidher kollu mudlam.

— Delina!—għajtet Mimì hekk kif inxteħtet bilqiegħda. Mas-sejħa ta' Mimì. Delina l-qaddejja li kienet ġiet tiftħilha u baqgħet miexja warajha, dehret quddiemha.

— Il-papà għadu barra?—staqsietha Mimì fil-waqt li neħħiet ix-xalla minn fuq għonqha.

— Iva, sinjurina—weġbitha l-oħra—għadu kif ċempel mill-Każin tal-Belt li biħsiebu jiddawwar għax mistieden għat-te għand Maġġur Ingliż, ħabib tiegħu.

— U l-mamà?

— Qagħdet tistenniek. Qabadha wġigħ ta' ras. Daħlet fissodda. Qaltli ngħidlek biex ma toqgħodx tistennieha għaċ-ċena.

— Raqdet?

— Iva. Ma ħadetx ħlief ftit te bil-ħalib.

Mimì baqgħet ħosbiena, kemmxet ħuġbejha u għaddset rasha.

— Tiċċena, sinjurina?—staqsietha Delina.

— Le—qabżet qaltilha Mimì wara ftit li dehret bħal stenbħet—ma rrid xejn. Jien sejra norqod. Tellagħli ftit te lili wkoll u

x'ħin jiġi l-papà għidlu li tlajt norqod.—U kif qalet hekk, qabżet minn fuq is-sufan, telgħet it-tarag, daħlet f'kamritha, neżgħet u daħlet fis-sodda. Delina, wara ftit newlitilha kikkra te; Mimì warrbet minn quddiemha l-*Picture Post* li kienet soltu toqgħod tqalleb u taqra fih qabel torqod; xorbot it-te, u hekk kif Delina telqet minn ħdejha tfiet id-dawl u għalqet għajnejha.

* * *

Iżda għalkemm tfiet id-dawl qajla n-ngħas sata' jidħol f'għajnejha u jgħattilha dawk il-ħafna ħsibijiet koroh li bdew wieħed wara l-ieħor imewġu ġewwa rasha. U biex bħal kieku tkeċċi minn moħħa kull ħsieb li kien jarġa' jeħodha lejn dik il-mina s-sewda fejn dlonk f'dak id-dlam mal-leħen ta' Victor kienet donnha tisma' jidwi f'widnejha bħal għajta ta' tehdida bla ma tista' tagħraf ta' min hi, hija kienet titqalleb minn fuq ix-xellug għal-lemin u minn fuq il-lemin għax-xellug u titfa' rasha bejn żewġ imħaded tar-rix.

L-arloġġ tal-knisja tal-katidral kien daqq nofs il-lejl u t-tokki ta' dak id-daqq f'dik il-ħemda kienu bħal daqqiet ta' martell fuq ħadida li baqgħu jżanżnu f'widnejha u jregħdulha qalbha. Fetħet għajnejha u waqqfet widnejha, u dehrilha li semgħet fil-bogħod il-leħen ta' għajta twatwat, imbagħad minnufih il-ħoss ta' roti jkaxkru u jieqfu f'daqqa... bħal leħħa ta' berqa daħlet miż-żgieġ tat-tieqa u għabet ukoll f'daqqa waħda... wara ftit il-ħoss ta' bieb jingħalaq... passi telgħin it-taraġ... tpespis... ħoss ta' bieba tinfetaħ u tingħalaq .. imbagħad sikta. "Daħal il-papà", qalet f'qalbha. Fl-aħħar għajnejha marret biha u raqdet. Iżda r-raqda tagħha kienet ħolma fuq oħra: dlam, beraq, xita, rjieħ ivenvnu u jsaffru qalb friegħi ta' siġar jitbandlu, ġiri, agħjat u twerżiq. Fl-aħħar sabet ruħha fil-mina, itterter bil-bard, miexja fid-dlam, saqajha jgħaffġu u jgħoddsu fit-tajn u fl-agħdajjar, u Victor bi driegħu x-xellugi mħaddan ma' qaddejha u bis-swaba' kesħin ta' l-id jagħfsu ma' idejha fil-waqt li bit-torċa f'idu l-leminija juri l-mogħdija... mexjin, dejjem mexjin, bla ma jitkellmu, deħlin, dejjem deħlin ġo dik il-mina ta' bla tarf... donnhom imkarkrin minn xi mewġa qawwija li qiegħda tkaxkarhom mal-wied iswed ta' dak id-deghbien, bla ħadd minnhom ma jieqaf għax iħoss min jiġbdu dejjem il quddiem. Fil-bogħod dehret bħal ħuġġieġa b'ħafna ilsna ta' nar minn wara rixtellu kbir tal-ħadid li dawlet il-mogħdija tal-mina. "Dak x'inhu?" staqsiet lil Victor u rtasset miegħu. Victor ma tkellem xejn, ried jieqaf, ħares lejha b'wiċċ miblugħ li fid-dija tad-dwal ta' dik il-ħuġġieġa kien qisu

maskra tal-ġibs, iżda baqa' miexi, jagħfsilha qaddha fuq qalbha li kienet tiċċaqlaq bħal tuffieħa fuq fergħa ċkejkna f'riħ qawwi, u jgħinha titkaxkar il quddiem bla ma jiftaħ fommu. Fl-aħħar waslu fejn ir-rixtellu. Is-sħana tan-nirien saħħnitilhom demmhom, iżda qalbhom baqgħet ittaqtaq. Waqfu minnufih. Id-dawl qawwi ta' dik il-vampa nar kien jgħammex il-għajnejn. Malli waqfu deher bniedem li kellu s-sura ta' xitan; rasu mgħottija b'barnuża ħamra b'par qrun ħerġin minn ngħasu, liebes surtum aħmar fuq sidrija bajda bil-buttuni kbar tar-ram ileqqu u qalziet dejjaq dejjaq aħmar ukoll. "Merħba bikom", qalilhom, u fetaħ bil-galbu r-rixtellu fil-waqt li baxxa rasu u sellmilhom. Daħlu, iżda baqgħu jħarsu mistagħġbin u beżgħanin. "Fejn aħna?", fl-aħħar staqsiet Mimì. Iżda x-Xitan d.onk stedinhom b'idu l-leminija biex jibqgħu deħlin. "La taqtgħux qalbkom, hawnhekk mhux ikraħ daqs kemm ipinġuh... Intom ma naħsibx li biħsiebkom iddumu wisq... Naħseb li għal-lejla biss. Ibqgħu deħlin." Victor ħarrek il-pass u Mimì, imgeddsa u mqabbda dejjem miegħu, ċaqalqet ukoll riġlejha.

Id-dawl tal-passaġġ kien aħmar skur jagħti 'l hawn u 'l hinn fl-ikħal, l-art kienet miksija b'tapit aħmar dagħmi u mal-ħitan kien hemm bħal maskri ta' rġiel u nisa b'nar ilebleb mill-ħofor ta' għajnejhom, daqqa jgħajbuhom b'ilsienhom aħmar dieħel u ħiereġ u daqqa jċaqalqu xufftejhom donnhom iridu jbusuhom. Mit-twieqi kbar taż-żġieġ li fuqhom tqattar ix-xita, il-leħħa talberaq kixfet ġlejjeb ta' friefet il-lejl kbar jittajru mas-smewwiet.

Waslu f'sala mdawla b'miġmar tan-nar jagħti ġewwa ħawt tal-ħadid imqiegħed fuq tripied għoli fin-nofs... in-nar kien għoddu wasal biex jintefa... Is-saqaf u l-ħitan lewn iswed faħma u fuqhom maħżużin profili bojod ta' rġiel u nisa, tnejn tnejn, jittajru u xjaten jiġru wrajhom. "Naħseb li dak huwa biebkom", qalilhom ix-Xitan li baqa' miexi magħhom u għaġġel jiftħilhom bieb tażżġieġ kemm xejn imdawwal. Għaddew minnu u telgħu taraġ dejjaq. F'nofs il-ħnejja ta' bieb ieħor, fl-aħħar tarġa, kien hemm imdendel fanal tal-ħadid jarmi dawl ikħal mgħaxxex mat-taraġ u mad-daħla ta' kamra, fejn malli Mimì u Victor rifsu fiha, issaqaf magħmul koppla iddawwal b'ħafna ilsna tan-nar ħerġin ilebilbu mix-xfar tal-gwarniċun ta' madwar il-ħitan suwed faħma. Ix-Xitan wassalhom sa bieb ieħor tal-ħadid u ħabbat. "Wasalna!", qal, u qagħad lura. Il-bieb tbexxaq u deher jittawwal wiċċ imkemmex ta' xitan mara b'għajnejn ħomor iżebbgħu b'ħalq imċarrat daħkani b'par xufftejn kbar koħol li kienu jħallu tidher

żewġ ixdqa ta' ħmar b'tagħmira snien miksurin u mberrqin. Xagħrha mqanfed, iżda madwar iż-żewġt iqrun ta' fuq ġbinha kellha mibrumin żewġ malji tax-xagħar minn ġenb il-wieħed u l-ieħor marbutin b'żagarelli koħol magħmulin ċoff.—"Is-Sur Victor u x-xbejba tiegħu", qal ix-Xitan malli deher dak il-wiċċ ġdid. —"Merħba bikom", qaltilhom ix-Xitan mara, "Ibqgħu deħlin; f'dik il-kamra ta' hemm ġewnett għadhom kif żanżnuha l-bieraħ żewġt itfal bħalkom, li laħaqhom il-lejl u ntilfu fil-wied ta' ħdejna u għaddew il-lejl magħna". Daħħlithom u saqet għal urajhom tofrok u tħabbat ma' l-art ħatba ta' zokk li keliha f'idejha l-leminija. Huma u sejrin qasmu kuridur mudlam u dejjaq u semgħu bħal minn taħt l-art id-daqq ħelu ta' waltz jitmewwet u raw jitbexxqu bibien li jagħtu għal ġewwa swali mixgħulin u taħt iddija ta' linfi mdendlin mas-saqaf imdieheb nisa u rġiel mgħannqin b'rashom ġo braneż ħomor imdendlin fuq l-ispallejn ta' xulxin b'għajnejhom imbexxqa jgħumu f'ajru mdaħħan fuq il-mewġ ta' lbies aħmar u ta' ċfuf u xalel jittajru bħal ħafna friefet fuq xi għalqa tal-pepprin... u minn wieħed minn dawn il-bibien ħiereġ raġel liebes kollu l-iswed, ibexxaq il-bieb u jieqaf iħares lejhom. Kif għaddejjin minn quddiemu, mejjel rasu lejhom u wiċċu deher bħal maskra bajda tal-karta pesta u minn xufftejh ħierġa bħal tnixxija ta' ilma iswed. Hekk kif waslu f'tarf il-kuridur infetaħ bieb u sabu ruħhom ġewwa kamra li kienet imdawla b'lampa b'paralum dagħmieni li kienet tixħet roqgħa dawl aħmar skur fuq mejda tonda mgħottija b'tapit blù. Mal-ħajt fejn bieb ieħor li jagħti għal xi kamra oħra kien hemm divan. L-irkejjen kienu mudlamin. Victor u Mimì nxteħtu fuq id-divan u qalbhom baqgħet ittaqtaq. U fil-waqt li deħrilhom li sabu daqsxejn ta' rokna fejn setgħu jistejqru u bil-mod il-mod jitħennew b'xulxin, filwaqt sewwa li kienu nsew il-waħx ta' dawk id-dagħbien ta' dlamijiet u sa jersqu lejn xulxin, il-bieb tbexxaq u daħal imqit imqit dak ir-raġel tal-libsa sewda; mexa bil-pass meħjut bla ebda ħoss, għajnejh ċassi jħarsu dejjem il quddiem. Il-bjuda tal-maskra ta' wiċċu kienet dik ta' mejjet li qam mill-qabar. Malli resaq lejn id-divan waqqaf il-ħarsa tiegħu fuqhom, fetaħ il-bieb ta' ħdejn id-divan u għab. Victor u Mimì nħasdu, ħarsu lejn xulxin, inbelgħu, iżda ma damux ma reġgħu ħadu r-ruħ. Victor beda jgħannaq lil Mimì. "Neħħi dak il-*coat* minn fuqek," talabha Victor. "Iskot," qaltlu dik, "dak ir-raġel ma jdumx ma jarġa' jidħol."—"La tiddejjaqx," weġibha, "kollox igħodd hawn ġew", tennielha l-ieħor.—"Ma tarax kemm ħares lejna b'dik iċ-ċiera kerha tie-

għu?" reġgħet weġbitu Mimì b'leħen ħanin. Iżda fuq għajnejn Victor kien waqa' bħal għamad... Mimì bla ma riedet intelqet fuq id-dahar tad-divan u Victor ressaq wiċċu ma' wiċċha, xuff-tejh ma' xufftejha u pespsilha: "Kemm konna ixxurtjati li sibna ruħna f'din ir-rokna, f'din in-nofs dalma, f'dan is-skiet... X'poe-żija!" Mimì għalqet għajnejha, iżda malli fetħithom wara li ħasset il-ħruq ta' xuftejn Victor ma' xufftejha, lemħet bħal dell għaddej minn nofs il-kamra. Kien dak ir-raġel tal-libsa sewda li raġa' daħal ħiemed ħiemed. Bil-pass meħjut bħal qabel resaq lejn il-mejda t-tonda qiegħed idejh fuq it-tapit aħdar u wa-qaf taħt id-dawl dagħmieni tal-lampa, iħares ċass lejn Mimì. L-ikħal ta' taħt għajnejh kien għadu juri xi sinjali ta' tbatija; iżda dik il-maskra bajda keliha wkoll il-bixra ta' ħruxija u ta' teħdida. Mimì nħallet minn idejn Victor, qamet bilqiegħda, bħal imwerwra, b'idha x-xellugija f'xagħrha u bl-oħra turi lil seħibha dik ix-xbieha li qiegħda theddidhom b'dik il-ħarsa li ma reditx titħarrek minn fuqhom. Hi bdiet tirtogħod minn rasha sa saqaj-ha u Victor baqa' bħal imbikkem. "Victor, Victor," infexxet tgħid ittemtem b'leħen maħnuq Mimì lil seħibha. "Dak min hu, kif qed iħares lejna... għaraftu?"

— Min hu?—staqsa b'leħen imriegħed l-ieħor.

— Reggie!... wiċċ Reggie!—reġgħet b'nifs maqtugħ Mimì fil-waqt li baqgħet dejjem titrekken ma' Victor.—Jien qed nibża' Il-kadavru ta' Reggie... X'mar għamel b'idejh!... Hudni minn hawn... fittex ħudni minn hawn!

Dak il-wiċċ tar-rħam baqa' jħares lejha iktar u iktar b'għaj-nejn imberrqin li jinfdu l-qalb. Xufftejh, taħt id-dawl aħmar dagħmieni tal-lampa, kienu ħadu lewn ikħal u minn ħalqu kienet għadha ħierġa bħal tnexxija ta' demm iswed. Victor tħarrek u Mimì għamlet il-ħila tagħha u qamet. Dak ir-raġel ċaqlaq wiċċu u għab: id-dawl intefa. Infetaħ il-bieb tal-faċċata u d-dawl inem-nem tal-lanterna f'tarf it-taraġ wriehom il-mogħdija ta' barra. It-tnejn, imqabbdin f'xulxin, telqu jiġru; niżlu t-taraġ erbgħa erbgħa, ġew fil-kamra tal-ħitan suwed impinġijin nisa u rġiel jit-tajru u fil-fixla ħabtu mat-trepied tal-miġmar u l-art imtliet bi bċejjeċ ta' ħatab maħruqa u bi rmied, u l-arja bi dħaħen u riħa ta' xaħam u ġlud imdewba. Bilqiegħda isfel, wara l-bieba, kien hemm imrekkna x-Xitana x-Xiħa li sellmitilhom b'ċaqliqa ta' rasha u taċ-ċfuf ta' qrunha fil-waqt li kixfet ix-xedaq u daħkitilhom. F'tarf il-kuridur ħdejn ir-rixtellu ħabtu wiċċhom max-Xitan il-Kbir, il-bawwieb ta' dik il-mina, u fil-waqt li fetħilhom ir-rixtellu

staqsiehom bid-daħka : "Hekk malajr? Naħseb li għaddejtu siegħa tal-hena?"—Victor u Mimì ħarsu lejh bħal miblugħin, u, bla ma fetħu fommhom sellmu xott xott u wrewh li kellhom mitt sena sakemm jitilqu.—"Halli min jarakom", issokta jgħidilhom ix-Xitan fil-waqt li b'idu l-waħda baqa' jżomm ir-rixtellu miftuħ u bl-oħra jxejjer qatta' mfietaħ,—"l-aqwa sakemm tidraw. Dan il-post m'għadux bħal dari. Fih daqsxejn tal-ħajr. Qegħdin nimxu maż-żmenijiet. Il-ġisem isib il-pjaċir tiegħu kollha, iżda mbagħad il-pjaċir jitpatta b'daqsxejn ta' piena fil-qalb... Saħħa u sellu għal sħabkom tad-dinja l-oħra u għidulhom jiġu joqogħdu!"—Ġerra r-rixtellu, sabtu, dawwar il-muftieħ u sakkar.

Il-ħoss tat-tisbita tar-rixtellu u ż-żaqżiqa ta' l-egħluq tas-serratura ħasdu lil Mimì u ħassithom f'widnejha bħal leħen iżar-żar ta' xi ħadd li ġie jqajjimha bil-herra minn nagħsa twila. Ċaqalqet rasha bħal meta wieħed irid ikeċċi xi ħsieb ikreh minn moħħu, għorkot għajnejha u fetħithom.

Mimì dawret il-ħarsa tagħha, qamet bilqiegħda fuq is-sodda u ntebħet li kienet qiegħda toħlom. Id-dawl fietel tax-xemx kien żelaq minn bejn il-persjani tat-tieqa u kiser id-dalma tal-kamra bi strixex bojod fuq iż-żgieġ tal-mera tat-twaletta u l-aħmar bellusi tal-kutra ikkuttunata tas-sodda. Delina kienet ħabbtet il-bieb, dawret il-pum tas-serratura u bil-ħoss qajmet lil Mimì.

— Sinjorina!—sejħet.

— Il-mamà qamet?—staqsiet Mimì, x'ħin fetħet għajnejha u stenbħet sewwa.

— Iva... qed tistenniek għat-te!

— Il-papà?

— Hareġ kmieni.

— Kif? Mhux hu li daħal bil-lejl nett?

— Iva, iżda għodu għodu sejħulu malajr.

— Min?

Delina resqet lejn xifer is-sodda u qaltilha bil-mod : "Bagħtu għalih malajr malajr, il-papà u l-mamà ta' Reġġie".

— Tassew? U għalfejn?

— Xi ħass ħażin ikrah.

— Min?

— La teħux qatgħa... milli jidher Reggie.

Mimì qabżet mis-sodda, xarrbet wiċċha, libset il-kimono, ħarġet mill-kamra, niżlet tigri t-taraġ u daħlet fil-kamra tal-pranzu.

Ommha kienet qiegħda fuq pultruna f'rokna tal-kamra tqalleb, iktarx biex tqatta' ż-żmien milli b'deħwa jew b'ħajra l-*Illustrated London News*, bin-nuċċali f'għajnejha tistenna lil bintha tinżel għat-te. Fuq il-mejda tal-qawba kien hemm tliet kikkri fuq "doily", it-tettiera bil-"cosy" fuqha, dixx bil-ħobż imqatta' krustini, butiriera, zukkariera tal-metall abjad u gallettiniera tal-kristall bil-biskotti.

Mimì qagħdet bil-qiegħda quddiem il-mejda bla ma tkellmet.

— Wara dawra hekk twila mal-ħbieb, nistħajlek ma kellekx ħajra tqum... Il-bieraħ iddawwart milli jidher...—infexxet tgħidilha ommha bla ma ċaqalqet għajnejha minn fuq il-ktieb.

— Qabditni x-xita fil-ġnien tat-trunċieri u qgħadt nistkenn sakemm siktet ix-xita... Int irqadt kmieni, mamà... Kif int? — qalet minn taħt ilsien Mimì, hija u tressaq il-kikkra tat-tè quddiemha u tferragħ il-ħalib.

— Għandi rasi tqila. — wieġbet ommha.

— Jien domt ma rqadt, ma...

— Għaliex?

— Ma nafx, noħlom il-lejl kollu... bejn rieqda u m'iniex... Il-papà fejn hu?

— Sejħulu malajr.

— Malajr? Min?

— Il-familja ta' Reggie...

— X'ġara?

— X'ġara... dak li kellu jiġri, binti... Eh! Hekk kellu jkun...

Mimì mejlet rasha ħosbiena fuq idejha l-leminija.

F'daqqa waħda nstemgħet iċ-ċempila tal-qanpiena ta' l-antiporta u, wara ftit, daħal il-missier, it-tabib Gustav, wiċċ ta' swied il-qalb u għajnejh miksurin. Martu refgħet għajnejha minn fuq il-ktieb u staqsiet bil-ħarsa; imbagħad, wara li ratu jinxteħet fuq is-siġġu ta' ma' ġenb il-mejda u jagħti ħarsa minn taħt lil bintu li beqgħet b'rasha mgħaddsa ħosbiena... "Kif għadda?" staqsietu.

— Ħażin — weġibha, fil-waqt li resaq lejn il-mejda u xeħet rasu fil-keffa ta' idu x-xellugija kollu ħosbien... "Reggie ma jgħixx... il-velenu li xorob kien wisq qawwi..."

Mimì difnet wiċċha bejn idejha fuq il-mejda u nfexxet f'bikja.

# REBBIEGĦA

*Il-qniepen iċċimplu ferrieħa fil-bogħ'd*
*mal-mewġa taż-żmien,*
*w jaħarbu bħall-ġwienaħ tal-pari ħamiem*
*man-nifs tal-ħolqien...*

*Ix-xemx li titberfel fin-nisġa tas-snin*
*u ssaħħan l-uċuh,*
*ħarġitli dal-għodu bil-qfieli tal-friefet*
*li xxenglu bħal qlugħ...*

*U l-warda ta' Mejju ġe fommha bis-satra*
*tan-nida ħanin,*
*inxtegħlet bil-ħmura li xxettel egħruqha*
*fil-qlub tal-bnedmin...*

*L-egħlieqi miżgħuda bis-sbula tad-deheb*
*li tmewweġ sabiħ,*
*bħal sider fil-filġa tal-hena jod-dmugħ*
*li jġelben qatigħ...*

*Rebbiegħa, Rebbiegħa, qed tfesdaq ma' dwari*
*fil-ħarba tal-jiem,*
*rebbiegħa, rebbiegħa, qed tfawwar ġe sidri*
*li tisboq il-kliem:*

*U tikber u togħla u tkattar żgħużitha*
*bħal ġamra tan-nar;*
*rebbiegħa ta' hena żagħżugħa li timla*
*kull rokna ta' għar.*

*Hawn hena fil-qawwa li tinbet ġe qalbi*
*u traxxax ma' demmi...*
*hawn hena ta' kwiekeb li jiftaħ 'l għajnejja*
*bħal ħarset il-ġemmi...*

*Hawn minġel is-setgħa fir-raqda tal-ħlewwa*
*bħal bennet il-qiegħa;*
*hawn minġel is-setgħa ta' leħħ t'idijali*
*li jkebbsu dis-siegħa!*

*Rebbiegħa, rebbiegħa, qed tfesdaq ma' dwari*
*Fil-ħarba tal-jiem,*
*rebbiegħa, rebbiegħa, qed tfawwar ġe sidri*
*li tisboq il-kliem:*

*U sirt donni ħalla fil-baħar imqalleb*
*bir-rakkmu miksija,*
*li tiġri u titħannen ma' l-erbat irjieħ*
*fid-dawl tat-tgawdija!*

W. GULIA,
(*Stud. Kors Akkad. tax-Xjenza*)

# TIEG STRAORDINARJU

*Kienu t-tnejn u għoxrin t'Awissu,*
*Kont fit-tieqa wara l-ħġieġ,*
*Ittawwalt u għal għarrieda*
*Ilmaħt l-isbaħ, l-oħla tieġ.*

*Baħar u Arja tgħarrsu u tejġu,*
*Wara ħolm ta' daqshekk snin,*
*Waslu fl-aħħar għax minn dejjem*
*Naf li ħarsu lejn xulxin.*

*Rota mħabba, ġlied tiswija,*
*Għax bejniethom kien hemm pont,*
*Qatt ma setgħu jaqblu fuqu,*
*Fuq dix-xagħra t'orizzont.*

*Imma llum ix-xefaq tħassar,*
*Għeb, intesa, ntemm fix-xejn,*
*Ma baqax aktar x'jifridhom,*
*Baħar u Arja ngħaqdu t-tnejn.*

*Sema u Ilma żewġ familji,*
*Demmhom nobbli ikħal nir*
*Illum tħalltu, żżewġu u saru*
*Haġa waħda f'dat-tieġ kbir.*

*Kemm inħobb tieġ hekk ninzerta,*
*F'dik il-ħemda noqgħod nara,*
*Fejn id-dgħajjes il-karrozzi*
*Gawwi u ħut biss il-ħaddara!*

M. MEYLAK.

# L'ILL-VJOLA

*Vjola ċkejkna, għax moħbija*
*Qalb il-weraq u mistħija*
*Qiegħda taħrab ħars l-għajnejn?*
*Mhux sabiħ lewnek jewilla*
*Fuq weraqtek mifruq stilla,*
*W ixxoqq fwieħtek l-imnifsejn!*

*Għax grixtija mela tibqa'*
*Hemm imkebba donnok f'xibka,*
*M'hemmx li toħroġ turi wiċċek,*
*U tiżżarġan ftit bi dlielek,*
*U tiddandan ftit bi ġmielek,*
*Biex in-nies tfaħħrek u tfittxek?*

*Oh, iżżejjed int beżżiegħa!*
*Mhux bħall-warda l-bellusija!*
*Dik tiddandan bil-ġmiel tagħha,*
*Xħin kulħadd jiftaħar biha,*
*Għaqlu kollu jwaqqa' fiha,*
*U bil-bews irid jiblagħha!*

*Isma' minni, ċkejkna tiegħi,*
*Oħroġ rasek minn ġol-frieghi,*
*Qum fuq tiegħek, wiċċek uri*
*Kemm hu sbejjaħ, kemm hu ħlejju,*
*Fost il-ġmiel kollu ta' Mejju,*
*U fih għaxqa fost il-fjuri.*

*Kemm sa ddum hemmhekk moħbija,*
*Wiċċek mgħaddas ġol-ħamrija!*
*Biex in-nies jistagħġbu bik,*
*Tinħtieġ ftit tal-frattarija,*
*Għolli leħnek bħall-Maltija,*
*Uri l-ġmiel li għandek fik!*

*Xejn la tisthi li int żgħira,*
*U li sejra tqanqal l-għira*
*Ta' dawk sħabek, li għajr bluha*
*M'għandhom xejn biex bih igħajruk,*
*Jew miz-zokk barra jtajruk!*
*Ħadd ma jisbqok, ħlief fil-frugħa.*

*Inti rżina, jafuh'dana,*
*Kulħadd jaf kemm int minn tagħna.*
*Sewwa billi! Xejn ma tiswa,*
*Jekk mhux bħalhom tagħmel inti.*
*Oħroġ rasek barra l-kwinti,*
*Biex jaraw ġmielek kemm jiswa.*

DUN Ġ. FARRUGIA,
*Bibljotekarju, Għawdex.*

---

# *FIT-TWELID*

*Kien riesaq lejl ta' kesħa, lejl tax-xitwa,*
*u billi hemm fil-belt ma sabitx dar,*
*Marija ma' Ġużeppi baqgħet miexja*
*u fl-aħħar dabbret rasha ġewwa għar.*

*Hawnhekk ma' nofs il-lejl, fuq naqra tiben,*
*ix-Xebba wildet lil Ġesù Bambin:*
*hekk seħħ il-kliem imwiegħed mill-ħabbara,*
*li kienu għexu fit-Testment Qadim.*

*U qtajja' t'Anġli niżlu jgħannu l-għanja:*
*"Tifħir lil Alla fl-għoli tas-smewwiet*
*u Paċi fl-art lin-nies ta' rieda tajba!"*
*Ma' dawk l-inħawi l-għanja tagħhom dwiet.*

*'Żda fejn hi l-Paċi lill-bnedmin mogħtija?*
*Hlief ħerba hawn fid-dinja ma tarax!*
*Ah! fejn hi l-paċi minn Ġesù mifdija?*
*Hlief ġlied u biki l-widna ma tismax!*

*Il-Paċi ntilfet fl-għama ta' did-dinja*
*u ssaltan il-Mibegħda kullimkien;*
*Għalhekk mimlija l-art bil-ġlied u n-niket,*
*Għalhekk il-Paċi ma nsibuha mkien.*

*Lill-Anġli tiegħek, O Feddej, erġ' ibgħat*
*igħannulna l-għanja, dik li darba għannew;*
*iva, Mulej, ibgħathom b'dik il-Paċi*
*li d-dinja tilfet, li qed nistennew.*

P. PORTELLI.

# *F E L I C*

*Skeċċ ta'* M. Mizzi

IL Feliċ l-ewwel darba li rajtu kien għad għandi xi seba' snin. Gie l-ħanut tagħna jixtri ratal ħobż. Ommi kienet ġewwa ssajjar, jien kont nixxiegħel b'xi ħaġa fejn il-bieb. Xħin rajtu dieħel, dħalt qablu u sejjaħt 'l ommi, "Ma, hawn in-nies."

"Hawn qattus", qabeż igħid Feliċ, "mela jien nies, jien qattus. Huwa n-nies bħali? Hawn maħmuġ, naħdem daqs kelb, niekol biċċa ħobż xotta u norqod fuq injama." Xħin tatu l-ħobż telaq iħaffef 'il barra lejn xi ħanut tax-xorb fejn kien ipoġġi jiekol bokkun u jixrob xi pinta.

Dik il-ħabta Feliċ jalla kien għad għandu tletin. Kien dejjem mgħaġġel, jitħadded ma taraħ qatt, b'qalziet jasal sa sidru, wiesa' jasa' tnejn daqsu, imħażżem b'ċinturin, dejjem italla fih. Kien joqgħod f'ġorboġ fi triq imwarrba jaħdem lejl u nhar, ifassal turtieri, stanjati, fanali u egħriebel, itektek u jistanja, nhar ta' Hadd itellagħhom is-suq għall-bejgħ u meta ma jinbigħux kollha kien idur b'li jibqa' fl-irħula. Hadd u xogħol festi għalih qatt. Il-Hadd wara nofs in-nhar kien jinżel jaħsel il-wied jew joħroġ ilaqqat il-bottijiet mormija għal-landa u għall-istann. Għall-ħabta tal-Karnival kien jaħbat jeħla xi ftit, ipenġi xi tamburlin u joħroġ idoqqu fit-tlett ijiem tal-bluh. Mill-bqija, kif għedna, festi qatt.

In-nies malli xammitu daqsxejn stramb, ma ngħidu xejn, għamlet għalih bl-ikraħ. Min igħidlu hekk u min iweżwiżlu fuq hekk, kienu jqattgħu siegħa żmien ġmielha. "Feliċ, għax ma tiżżewwiġx", jew "Feliċ, din li għaddejja tgħodd għalik, sabiħa qisha għoġla. Isa, Feliċ, rabbi r-ruħ, dik tgħodd għalik." Xi drabi kienet taqa' fuq l-ikel. "Feliċ, ibża' għal saħħtek. Hallik mill-ħobż; ixtri xi biċċa laħam u niżżel xi bajda, għax afli sejjer lura bħal granċ." "Feliċ" tiela' u "Feliċ" nieżel bdew imorrulu l-ħanut, imissulu din u dik, beda jonqsu l-martell, beda jitlef l-ispirtu, l-ispiritiera bdiet tintefa, u kienu jitilgħulu sħiħ.

Darba waħda nasbuhielu. "Felic, aqta' x'qal Peppi ta' l-Aħmar? Qal li l-bir ta' San Gużepp infurrat bl-istann." Feliċ mill-ewwel rafa' rasu. "Immur nara, nara." Qagħdulu għassa u Feliċ balagħha sal-garġi. Tala', ħa qoffa miegħu, rabat ħabel ma' kantun, u ta rkaptu biex jinżel bil-qoffa. Dawk li qagħdu għassa ħarġu mill-moħba u xħin raw li niżel marru fuq il-bir.

"Feliċ, hemm xejn stann? Feliċ, hemm xejn frisk?" "Hawn ma hawnx stann" u qabad biex jitla'. Il-ħabel beda jerħi, Feliċ ta' ruħu b'mirbuħ. "Għid appa, Feliċ!" Wara ħafna li dam jitlobhom tellgħuh sa nofs il-bir u ħallewh jixxejjer hemm. Dawra 'l hawn imbagħad 'l hemm, tixjira 'l hawn u oħra 'l hemm. Xi snin wara ra'tu f'ħanut jirrakkonta kif kien idur ġol-qoffa. Kien fih farsa.

Wara dil-praspura, Feliċ beda jaqa' għaċ-ċajt. Wara ftit smajt li f'Bufies rabtuh ma' siġra u ħallewh hemm lejl għall-frisk. Darba oħra jkun rieqed bil-bieb imbexxaq, qabduh, rabtuh u ma nafx fejn ġarrewh b'menża. Meta daħal l-isptar, ma nafx xi ġralu, kienu jidħlulu taħt is-sodda jnewħu bħall-qtates, jerfgħuh minn taħt, jaqalbulu l-paraventu u ħrejjef minn dawn.

Insomma waqa' għaċ-ċajt sew u wara ċ-ċajt ġie l-mard. Saħħtu wkoll bdiet tiċċajta.

L-isptar ma nafx kemm-il darba daħal u ħareġ. X'ħin ikun barra jrid imur l-isptar, xħin ikun l-isptar irid joħroġ jaħdem għax ix-xogħol irid isir. Kellem kemm-il tabib. Ma nafx min webbillu f'moħħu jkellem professur, u ma nafx kif għamel mar Malta u kellmu.

U hawn ukoll ġie ċ-ċajt. Qalulu li kien hemm bidwi jfejjaq il-morda. Saver, l-avukat iż-żgħir, qallu li jġiblu flixkun xi ħaġa minn għandu biex ifejqu. Saver lesta flixkun żejt tal-magna maħruq, u qal lill-ħbieb x'sa jagħmel. Kellu jieħdu 'l Feliċ nhar is-Sibt, igħidlu jidlek wiċċu u moħħu bih malli jqum u jħallih jinxef fuqu. Kien żgur li Feliċ ma jħaresx lejn idu u lanqas jintebah b'xejn. Stenna li l-Ħadd is-suq kien sejjer ikun hemm x'tara. Stieden lill-ħbieb għad-divertita, ħa l-flixkun lil Feliċ, tah id-direzzjonijit u mar u ħallieh. L-għada mar Saver u sħabu għad-daħka imma did-darba ċ-ċajta ma rnexxietx. Malli lemħu Feliċ sejjaħlu, "Hi, ġibli flixkun ieħor, għax dak li tajtni tarli l-martell għalih u nkiser qabel ma ndlikt."

Il-martell iffrankahielu did-darba. Forsi min jaf kemm-il darba għamilhielu. Praspar minn dawn ġrawlu bil-mijiet. Imma għadu ma għamelx xi bużulotta u żżewweġ, u lanqas ma daħak daħka u qabeż minn fuq sur. Għadu jaħdem u jċekċek, igerger u jgħaddilu. Qarreb il-ħamsin u l-mewt min jaf fejn hi.

L-aħħar li rajtu, waqqafni u qalli: "Int sew, x'qed tagħmel, x'qed tagħmel?" Jien tbissimt, "Idħak, idħak, int sew" raġa' tennieli.

"Min jaf, Feliċ?"

# *KIF IGHAJTU L-BEJJIEGHA*

*Studju folkloristiku ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO.

F'"LEHEN IL-MALTI" (Għadd 128-132) ta' l-1942 jien ġibt xi għajat tal-bejjiegħa li kont bdejt noħroġ fil-għadd 123-124 ta' l-1941. Minn dak iż-żmien 'il hawn irnexxieli nisma' oħrajn li jiena niżżilt u li beħsiebni noħroġ hawnhekk. Il-Kjerku Toninu Xiberras min-Naxxar tħajjar jiġbor xi ftit huwa wkoll u bagħatli lista b'xi għajat li kienu qabżu lili. Deherli li meta niġi biex noħroġ il-bqija tal-għajat li ġbart jien, kelli nxandar tiegħu wkoll biex il-ġabra ma tkunx nieqsa. Għalhekk sa nġibhom fl-aħħar bħala "addenda" għall-għajat li ġbart jien.

Qabelxejn, tajjeb li wieħed igħid kelmtejn fuq il-bejjiegħa li sa nġibu l-għajat tagħhom. Sal-lum għad għandna f'Malta rħula li fihom ma ssibx il-ħteġijiet kollha tal-ħajja, l-iktar dawk li huma lbies, fajjenez u ħwejjeġ oħra. Sa ftit żmien ilu ħwienet b'dawn l-oġġetti kienu jinsabu biss fl-ibliet, u għalhekk in-nies tar-rħula biex jixtru ħwejjeġ bħal dawn kienu jridu jidħlu sal-Belt, jew jistennew li jgħaddi mir-raħal xi wieħed bil-karrettun. Minn dawn il-bejjiegħa għadek issib sal-lum, li meta jmorru f'raħal jifraħ bihom kulħadd, għax ikunu mistennija bħall-ħobż. U bir-raġun, għax dawn, biex ingħid hekk, iressqu l-ħwienet qrib ix-xerrejja flok ma x-xerrejja jkollhom imorru huma fil-ħwienet. Tista' tgħid li dawn il-bejjiegħa kollha ssibhom ilsienhom jaqlagħhom, jafu jmorru man-nies u jinqalgħu biex ifaħħru l-ħaġa li jkollhom għall-bejgħ. Bi frażi tal-lum, jinqdew bil-"propaganda" taħt sura ta' għajat.

Barra minn dal-bejjiegħa tat-toroq insibu oħrajn fl-iswieq u fil-fieri. Għal dawn ukoll l-għajat huwa "nofs il-bejgħ". Is-swieq jinfetħu ta' kull jum, imma l-fieri mhux hekk. F'raħal trid tiġi xi festa, jew iridu jiġbru għal xi ħaġa, biex jagħmlu fiera! B'dana kollu, fil-gżejjer tagħna għad għandna fieri li jsiru kull jum, jew kull nhar ta' Ħadd. Dik li ssir kull jum (imma l-aħjar nhar ta' Ħadd) "Fuq il-Monti" il-Belt, ġejja minn żmien is-Slaten u għall-ewwel kienet *Fiera tal-Lhud* li ma kinux jistgħu jbigħu fejn iridu. Ir-Rabat t'Għawdex jarmaw "Fuq il-Monti" wkoll, mit-Tokk sa quddiem ta' Sabina; dari kienet issir wara l-Għassa l-Qadima (illum Uffiċċju tas-Sanità) u billi dal-bini kienu jsibuh bħala "Il-Banka" il-fiera wkoll kienet tissejjaħ "*Wara l-Banka*". F'dil-fiera t'Għawdex, barra milli jkun hemm bombli u qolol tal-foħħar, ħbula, marloċċi tal-imgħażaq,

ikun hemm ukoll għoġiela, gidien, u fliewi. Fiera oħra bħal din għadha ssir sal-lum nhar ta' Ħadd filgħodu "*Fuq San Katald*" ir-Rabat tal-Imdina, wara tal-għaxra. Tara għall-bejgħ imgħażaq, ħbula, imrietel u wkoll mogħoż u żwiemel. Għar-Rabtin min irid jixtri bhima, jew jikkorda fuq bejgħ, imur fuq San Katald. Għan-nies t'hemm San Katald huwa t-tokk tar-raħal, u għadek tisma' min igħid : "San Katald għar-Rabtin — Is-Saqqajja għall-barranin."

Dari kienet issir fiera f'Santa Vendra, nhar Sant'Anna, fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju. L-iktar li kienu jinbiegħu ġugarelli u ħwejjeġ tal-logħob tat-tfal, u għalhekk ġie li sejħulha "Festa tat-Tfal". Kont tara għall-bejgħ santi, abtijiet, pasturi tat-tafal, sriedak u klieb tal-kina, imkatar u xallijiet, qubbajd — u kulħadd erħilu jixtrilek xi ħaġa minn ta' Santa Vendra.

F'San Mattew tal-Maqluba, ir-raba' Ħadd ta' Settembru, dari kien isir xi ħaġa hekk ukoll, u "dak in-nhar in-nies kienu jinġabrulek bil-gzuz minn Malta kollha, tista' tgħid; u l-bejgħ li kienu jbigħu, ħwejjeġ tal-għaġeb. Il-għors li kien isir taħt dik il-ħarġa siġar tal-ħarrub li hemm qrib il-Maqluba m'għadux bħal dari..." (ara Dun Ġużepp Farrugia "Id-Drawwiet tal-Maltin" Mogħdija taż-Żmien Nru. 85, 1909, p. 42).

Iż-żewġ fieri tal-aħħar tista' tgħid li llum inqatgħu għal kollox. Dawn il-fieri tal-gżejjer tagħna għandhom minn dawk li kienu jsiru kull ġimgħa ma' l-Ewropa kollha fiż-Żmenijiet tan-Nofs (Ara T. H. Penson "The Economics of Everyday Life" Part II, p. 38, Cambridge, 1936). Tara fihom għall-bejgħ, barra żwiemel u baqar, ilbies u bizzilel u rakkmu, għodod tal-ħadid għas-snajja', xogħol ta' Malta, inkwatri qodma kif ukoll kotba b'kull ilsien. U mill-bejjiegħa ta' dawn is-swieq u f'dawn il-fieri tisma' l-għajat li għandu x'jaqsam mal-bejgħa li jkollhom. (1)

Żmenijiet bħal dawn tagħna dejjem inisslu xewqa li jitfakkru ħwejjeġ qodma li jkunu qegħdin jinqerdu. Wara l-bombi li nxeħtu fuq Londra, ħareġ ktieb ta' Raphael Nelson F.R.S.A. jismu "*Cries and Criers of Old London*" (1941). F'dan iż-żmien ta' taqlib fil-ħajja Maltija tħajjart jien ukoll nigbor l-għajat tal-bejjiegħa Maltin, l-iktar biex nuri l-fond soċjali li fuqu nilmħu mexjin il-persunaġġi tradizzjonali li ġibna l-agħjat tagħhom. Barra dan, mill-għajat li joħroġ waħdu minn ħalq il-bejjiegħa tagħna tidher dik ix-xi ħaġa Orjentali ġo fina li xxebbahna man-

(1) Niżżi ħajr lit-Tabib Ġużè Galea għat-tagħrif li tani fuq dawn il-fieri, l-iktar fuq dik ta' San Katald.

nies tal-Lvant, kif dlonk jinduna min iqabbel bir-reqqa l-għajat Malti ma' dak tal-Kajr li ġabar Dr. J. Heyworth Dunne u li ħareġ f'artiklu "*A Selection of Cairo's Street Cries*" fil-"Bulletin of Oriental Studies" Vol. IX, 1937-39, pp. 351-362.

* * *

L-għajat li ser nagħti jġib warajh il-punteġġjatura ta' esklamazzjoni wkoll meta grammatikalment huwa ta' mistoqsijiet imħabba li t-ton tal-bejjiegħ huwa dejjem ta' esklamazzjoni.

*Xarten:* Ejja għax-xarten!

*Għażel:* Min jieħu libsa tal-għażel! Għażel ta' Malta!

*Qomos, ecc.:* Qomos u flokkijiet! Għan-nisa u għar-rġiel!

*Indjana* : Tal-Indjana fina! Min jaqta' libsa Indjana!

*Kalzetti:* Kalzetti għan-nisa tal-ħarir!

*Imkatar:* (fuq il-Monti) Otto l-imkatar! **Mid-doppji**!

*Żraben:* (tal-Ġappun) Żarbun xelin!

*Żagarella* : Żagarella mid-dejqa u mill-wiesgħa!

*Lastiku, ħarir:* Lakstu u ħarir fin! Min jixtri ħarir! Harir għandi fin!

*Ċingi* : Min jieħu par ċingi!

*Rakkmu, ecc.* : (fuq il-Monti) Appliké, dojles u rakkmu.

*Labar tar-ras:* Karta labar min jixtri!

*Spallieri:* Spalliera sold!

*Ħbula* : Min inbegħlu ħabel! Ta' Malta l-ħbula!

*Ħasira:* Purtiera għax-xemx min jixtri!

*Furfiċetti:* Furfiċetti għan-nisa!

*Figurini:* Figurini belli! (Meta kien ikun idur b'dawn il-figurini xi tfal ġie li kienu jżidu wara tal-figurini: "U grazzja miegħek qatt ma kelli".

*Enamel:* Tal-enamel fin!

*Tubi:* Tubu għal-lampa!

*Gallettini:* Gallettini sitta sold! Ara l-*wafer* min jixtri! (Din ta' l-aħħar instemgħet kemm ilha l-gwerra.)

*Pastizzi:* Ara tar-Rabat hawn!

*Ġellewż:* Taħraq il-ġellewż!

*Ċiċri tal-qatta* : Mimlija ċ-ċiċri!

*"Toffee":* (Fl-Empire Stadium) "Toffee", "chocolate", "sweet"!

*Figolli:* Bil-bajda l-figolla!

*Qubbajd* : Muntanji tas-silġ!

*Pastard* : Min irid ragħwa tal-baħar!

*Qara' Bagħli:* (Meta jixraf igħajtu bih hekk) Il-bagħli rabba s-suf! Tisma' wkoll: Pulit il-bagħli!

*Toffieħ:* Ta' bla duda min irid!

*Żebbuġ:* Min jiġi għall-imkisser!

Dawn li ġejjin issa bagħathomli l-Kjerku Toninu Xiberras mîn-Naxxar, li kitibli hekk "Dawn li ġejjin ma jidhrux f'li kont ġibt inti fil-*Leħen il-Malti* għadd 123-124 u 128-132. Xi għajat li ġibt hawn jew għandhom jinżiedu ma' dawk tiegħek jonkella huma ġodda għal kollox."

*Qastan*: In-nejja kollha tajba! (meta tkun nejja.) Meta tkun infurnata jgħajtu hekk: L-infurnata reġgħet ġiet! Erba' (ħabbiet) il-kejla, erbagħejn siegħ! Ara taħraqlek il-wejda!

*Larinġ*: Ta' Malta l-larinġ! Tihom il-larinġ! Dari kienu jgħajtu hekk: Habba u tnejn tlieta (¼d.) u agħżel!

*Vopi:* Vopi ħajja ħej! Min jixtri l-vopi! Għadha ġejja!

*Pasti:* (fit-Tijatrini) Min hu bil-ġuħ! Ara sitta pasta!

*Qara' bagħli:* Karkariż il-bagħli!

*Melħ*: Sold u nofs siegħ melħ!

*Tjur:* X'ibigħuli! (fl-irħula jgħaddu bil-karrettun armat b'xi poni jew bil-mixi bil-ħorġ mitfugħ fuq kitfejhom)

*Pastizzi*: Ara min jiekol! Bl-inċova sħan!

*Biljetti tal-Lotterija:* (fil-fieri) Ara x'hawn għal sold! Min jieħdu ta' l-aħħar! Bis-sold tieħu xelin!

*Ċiċri tal-qatta* (*jew ħadra*): Qatta ċiċri fiha kejla!

*Ċawl:* Ċawl min jaqli ħej!

*Makku:* Għandu l-makku! Għall-frajjeġ il-makku!

*Sallur ħaj:* (tal-ilma ħelu) Sallur għall-bir!

*Egħriebel*: Min inbigħlu għarbiel bir-rħis! (Kienet tgħaddi mara mill-misraħ tar-raħal, bil-karrettun, tgħajjat dejjem hekk mingħajr ma tieqaf).

*Palji:* (tat-Tork) Palju sold! Palju sold!

*Lakumja u ħabbażiż*: Għandu l-lakumja! Xi kaxxa lakumja! Habbażiż!

---

## FRAK

*Għarbel sewwa qabel tikteb,*
*għal kull semm qiegħed il-lqugħ:*
*Qis li dak li sejjer tberraħ,*
*ma jisfax għal għajrek dmugħ!*
*Kliem il-Haqq, hu kelmet Alla:*
*qatt ma sefa' deni 'l ħuh.*
*X'tiswa l-kelma ħielsa f'fommok?*
*X'tambih, l-għerf ta' Salamun,*
*Wil-moħħ tajjeb ta' Origene,*
*Jekk m'għandekx is-Senskomun?!*

R. M. B.

# NOMI U SURIET KOLLETTIVI FIL-MALTI

*Miġbura minn* PUBLIUS BORG

L-iskop ta' din il-ġabra suriet ta' ismijiet kollettivi hu iżjed idjomatiku milli grammatikali. Jiġifieri qegħdin inġibuhom kif inħuma mitkellma u mhux kif għandhom jiġu skond il-grammatika.

*A.* Xi kollettivi jsiru billi jieħdu kejl, qies jew użin ta' xi sustanzi, bħal : wejba xgħir, tomna raba', ratal bajtar, qasba ħarir, kejla ful, qasba żejt.

*B.* Oħrajn jieħdu l-isem tar-reċipjent illi fih jinsabu dawn is-sustanzi, prodotti, tajr, bħal : bixkilla bajd, qanniċ ġbejniet, guva ħamiem, bejta għasafar, xkora patata, sorra ħwejjeġ, tigan fniek, u oħrajn.

*C.* Oħrajn jieħdu l-isem tas-sura jew għamla ta' dawn is-sustanzi, dud, nies, eċċ. flimkien, bħal : sarbut nemel, milwa zalzett, borġ ċlamit, gastell boċċi, roqgħa dud.

*D.* Bosta jieħdu l-kollettiv mill-verb, jiġifieri il-ġabra ta' għamil bħal xulxin meħud flimkien, bħal : qrara dagħa, sensiela gideb, naxra ħwejjeġ, tagħbija xaħx, ħarġa siġar, għaġna ħobż.

*E.* Kollettivi li jieħdu l-isem tal-post fejn dawn is-sustanzi jinsabu, bħal : sala nies, għalqa ful, minżla ramel (sand dune), knisja nies, barriera ġebel.

Ta' min jinnota illi xi wħud minn dawn l-idjomi ftit għandhom tifsira kollettiva, iżda jaqblu fit-tiswir tagħhom mal-kollettiv. Nitolbu li min jaqra din il-ġabra ta' idjomi jsewwi fejn għamilna xi għelt, jew jaqbad ifittex billi jqalleb il-kotba u jsaqsi lil nies ta' kull sengħa, lant, jew namra jekk qabel magħna li dan hu xogħol ta' siwi, u għalhekk jixtieq iżid dak li ħallejna barra. B'hekk nirqmu iżjed il-Vokabolarju Malti.

**B**ALLA karti ; barkata żwiemel ; barkata ġwież , ġebel ; barkun faħam ; barriera ġebel ; bexxa ħall, whisky ; belgħa kafè ; bejta għasafar, ġrieden ; bixkilla bajd ; borġ ġebel ; borma minestra, eċċ. ; boton fniek, dud ; brott deheb ; buffura riħ ; bukkett fjuri ; bur dwieli.

**Ċ**APPA tin ; ċorma tfal, ulied, nies ; ċurniena tagħam.

**D**IELU kafe'.

**E**ŻERĊTU nies.

**F**AWWARA ilma; faxx basal, tewm; ferħ naħal; furnata ħobż.

**G**ASTELL boċċi; ġamra nar; gelgul ilma; gess ħalib; geġwiġija nies; ġilba (ġliba?) ħut; ġilwa qassisin, eċċ. (f'purċissjoni); gidma ħobż; ġiżża suf; ġgajta ħabsin; gozz ħamrija, trab, eċċ; ġliba Nsara, kwiekeb; guva ħamiem; ġlajka ħaddiema.

**G**ĦABRA trab; għaġna ħobż; għalfa ħarrub; għanqud għeneb, banana; għarma maħluġ; għorma bebbux, xaqquf; għajn silla.

**H**ARĠA mwejjed, siġar, xtieli; ħabel silla; ħalġa qoton; ħalba xita; ħajta deheb; ħalla, baħar; ħemel plejju, sagħtar; ħemel silla; ħodon ward; ħorġa flus; ħuġġieġa nar; ħasla ħwejjeġ; ħannieqa żibeġ, tfief.

**I**NDANA taraġ; ikla bajtar.

**K**OTRA żgħażagħ; karwana (iġmla); kavetta ħut; kemxa flus; kobba ħajt, suf, spag, tmontox.

**L**AGĦQA żejt; lenza qubbajd.

**M**ANDRA bajtar; maħżen, jew ħażna njam; maġmar nar; marella suf; magħlef sagħtar; mazz karti; mejda qubbajd; medda siġar; milwa zalzett; mixbħa tfal; miġimgħa nies; mixilgħa bwieqi; medda baħar; mgħajġna ħobż; merħla ngħaġ, mogħoż; munzell ħatab.

**N**ISKATA bżar; nemmelija dud; newba xita.

**R**ADAM flus; redgħa ħalib; robbu laħam; romblu karti; ruxxmata kotba; roqgħa xitel.

**S**AJDA ħut; sarbut qaddejja, nemel, eċċ.; satla soldi; sensiela gideb; sensiela ġawhar; sett platti, għamara, eċċ.; salt nies; sieqja ilma; sarbut karrozzini, bejjiegħa, siegħ xgħir.

**T**AGĦSIRA għeneb; taqtigħa busnalja; tagħbija faħam; turtiera pastizzi; tigan fniek; tagħmira bajd, qubbajd; tagħmira deheb, bandieri; tratt blat; turrun qubbajd; tqegħida bajd.

**W**EJBA xgħir; wiċċ kaboċċi, ġdur.; wilġa kromb (ġdur);

**X**KORA zokkor, għalf, eċċ.; xarba nbid, ilma; xedda faħam; xehda naħal; xidda deheb; xirka (ta' nies).

**Ż**EMBIL tamar; żinġla bajd.

# *IR-REV. C. L. DESSOULAVY*

## *Ph.D., F.R.Z.S.*

B'weġġħa ta' qalb inħabbru lill-ħbieb u lill-qarrejja tagħna l-mewt tar-Rev. C. L. Dessoulavy Ph.D., F.R.Z.S., ħabib tagħna tal-qalb u sieħeb tal-Għaqda għal bosta snin. Għalkemm konna nafu li dan l-aħħar ma kienx jiflaħ wisq, qatt ma bsarna li t-tmiem tiegħu kien hekk qrib, aktar u aktar meta għat-telegramm li bgħatnielu weġibna li ma kienx ħażin. Għalhekk inxifna meta waslitilna l-aħbar li hu miet fil-24 ta' Awissu li għadda.

Għal dawk li ma jafuhx biżżejjed dan it-tagħrif hu miktub biex iżomm dejjem ħajja f'moħħu t-tifkira ta' wieħed li għall-ġibda li kellu għal Malta u għall-Malti kien iħoss ruħu, bħalma stqarr darba magħna, aktar Malti milli Ingliż. C. L. Dessoulavy twieled f'Neuchatel fl-Isvizzra fis-sena 1875. Tgħallem f'Wornersh u fl-Institute Catholique ta' Pariġi. Wieħed mill-professuri tiegħu kien il-Baruni Carra de Vaux, bniedem magħruf mad-dinja kollha għall-għerf tiegħu fil-fergħa tal-istudi Għarbin. L-influwenza tat-tagħlim tal-Prof. Carra de Vaux fuq l-istudi ta' Dessoulavy baqgħet sal-aħħar. Dessoulavy sar qassis fis-sena 1899. Mis-sena 1899 sas-sena 1904 kien Professur tal-Filosofija f'Wornersh. Mis-sena 1904 sas-sena 1907 kien kurat fi Greenwich. Wara daħal kappillan tal-Kulleġġ ta' San Franġisk Saverju u mbagħad mis-sena 1922 sa mewtu kappillan tas-Sorijiet tax-Xjuħ f'Kennington (Southwark, Londra).

Kien bniedem dħuli, ferrieħi, ħelu kemm jista' jkun. Jidħak dejjem. Biex jagħmillek pjaċir kien pront biex imur f'tarf id-dinja. Jekk tistaqsih xi tagħrif fuq xi kotba li ma jinsabux Malta jew fuq ħwejjeġ oħra, ma jistabarx qabel ma jaqdik. Issa jqalleb kotba qodma, issa jfittex f'Arkivji, issa jitkixxef minn hawn u issa minn hemm biex iwieġeb lill-ħbieb fuq li jistaqsuh. Il-Librerija tal-British Museum, fejn kien iqatta' sigħat twal jaqra, u *ż-Zoo*, kienu ż-żewġ postijiet l-aktar marbutin ma' qalbu, u ma kienx jiltaqa' ma' Malti li wasal l-ewwel darba Londra li ma jeħdux jara *ż-Zoo*. Ħafna Maltin saru jafuh Londra, xi drabi kien imur ifittixhom hu stess.

Il-ġibda li kellu Dessoulavy lejn Malta kienet tidher mhux biss fil-ħbiberija tiegħu mal-Maltin imma wkoll fl-istudi tiegħu fuq Malta. Il-ktieb tiegħu "Maltese-Arabic Word-List" jaf bih kulħadd. Barra minn dan kiteb ukoll ħafna artikoli fil-"Journal of the Malta University Literary Society" issa fuq lingwa u issa fuq storja kollha mimlijin b'tagħrif

miġmugħ bir-reqqa u bis-sabar minn ħafna kotba li ma ssibhomx ħlief f'libreriji kbar. Kull ktieb bil-Malti li kien joħroġ kien jagħmel reċensjoni tiegħu fil-"Bulletin of the British School of Oriental Studies". Fil-lista tal-Professuri tal-"British School of Oriental Studies" ta' Londra isem Dessoulavy kien imniżżel bħala "Additional lecturer" tal-Malti. Fis-sena 1929 fil-Kungress Internazzjonali tal-Orjentalisti li sar f'Oxford qara komunikazzjoni fuq il-Malti miktuba minn A. Cremona u P. P. Saydon an-nom tal-Għaqda. Kiteb ħafna kotba oħra. Fosthom insemmu d-Dizzjunarju Komparattiv tal-ilsna Semitki f'erba' volumi li fuqu kien ilu jaħdem is-snin il-kbar u li laħaq ippubblika ftit snin qabel ma miet. Xogħol ieħor li kellu f'idejh u ma laħaqx ippubblikah hu Dizzjunarju Feniċju li jiġbor fih il-kliem kollu misjub f'dokumenti li nstabu f'dawn l-aħħar snin.

Fis-sena 1934 Dessoulavy ġie Malta u dam xahar magħna mistieden għand il-Kan. Dun Ġammari Farrugia tal-Birgu.

It-telfa ta' Dessoulavy jħossuha l-ħbieb tal-Malti kollha. Iħossuha dawk li jafuh għax naqashom ħabib; iħossuha dawk li bla ma kienu jafuh kienu jistaqsuh xi tagħrif; iħossha l-Malti għax tilef l-aħjar rappreżentant f'Londra; tħossha l-Għaqda għax tilfet imsieħeb li kien għaref fl-ilsna kollha qraba tal-Malti. Imma jekk nibku t-telfa tiegħu, nitfarrġu bix-xogħol li ħallielna, nitheġġu bit-tifkira tiegħu biex bħalu naħdmu għall-Malti u ma ninsew qatt li min ħabbna tistħoqqlu l-imħabba tagħna u t-talb tagħna.

P. P. SAYDON.

# RECENSJONI

## "POEŻIJI" — Ġużè Chetcuti — New Art Press.— Malta 1944.

Qrajthom mill-ewwel sa l-aħħar waħda u ħassejtni, biex infisser b'xi mod l-impressjoni li ħallewli, daqs kieku rassejt ma' mnifsejja qabda ward sabiħ u skirt bi fwieħtu.

Kull poeżija qisha warda, minn dawk li jiftħu fil-widien u fil-ġonna tal-gżira tagħna meta tidħak ir-rebbiegħa.

Tħosshom donnhom għadhom imxarrba bil-qtajriet tan-nida lejlija; donnhom għadhom jirtogħdu bil-bewsa melliesa taż-żiffa ratba ta' fil-għodu.

Hemm mewġa ta' ħajja tiġri f'kull vers u f'kull kelma; ħajja, li tfur b'dik il-qawwa ta' liriżmu li taf biss iż-żgħożija, meta toħlom lubiena u f'ħolmitha mdiehba tħoss ġewwa fiha s-seħer ta' dak kollu li hu tajjeb u sabiħ madwarha. Kollox jiċċaqlaq u jkellmek fid-dehriet kbar u mlewna li l-poeta jifrex quddiemek! għax hemm ruħ u qalb f'kulma jaqa' taħt ħarstu mixgħula, f'kulma jaħseb u joħloq.

Ġużè Chetcuti hu artista. Jaf id-dellijiet moħbija tal-ġmiel ta' kull

kelma, li b'sengħa ta' mgħallem, jaf jagħżel u jaħdem u jorqom u jżewwaq, sakemm jixħetħielek quddiemek tlellex u tilma sabiħa qisha ġebla ġawhrija.

Għalhekk ir-ritmu ta' għanjietu jiġri dejjem ħafif u ħieles, jixbah l-għanja tal-bilbla mitlufa fis-sbaħ tas-smewwiet.

Il-kelma hi l-libsa ta' barra. Ir-ruħ tal-poeżija hi l-ħsieb. Il-kelma tista' tkun mill-isbaħ fid-daqq u fis-sura; imma jekk jonqos il-ħsieb, il-poeżija tisfa' fi tqabbil fieragħ li jogħġob biss il-widna, bla ma jilħaq 'ir-ruħ.

Hemm ħsibijiet mistura taħt il-qoxra mżejna tal-poeżiji tas-Sur Ġużè Chetcuti, li jinżlu u jidħlu bi psikoloġija rqiqa sa l-għeruq moħbija tal-ħajja, fejn il-qalb, fit-taqbida tagħha ma' l-imħabba u man-niket u mattiġrib ta' kuljum, dejjem titniehed u tixxennaq u tfittex il-ħlewwiet ta' l-hena, li jistgħu jimlew il-beraħ miftuħ ġewwa fiha.

Hemm xi drabi meta l-poeta, aktarx taħt il-għafsa tad-dalma tad-diqa u ta' qtigħ il-qalb donnu jinsa jarfa', għajnejh 'il fuq, u jixtieq "li x-xejn tiegħu jintilef fix-xejn tad-dalma tal-lejl"; sħabiet żgħar li jgħaddu minn xi daqqiet u jdellu s-safa tax-xefaq quddiemu. Imma l-Kredu tal-poeta hu l-Kredu tan-nisrani li jemmen u jħobb dak li jemmen.

"Nemmen fik: Int l-Imħabba, Int is-Sewwa
Int Fik tiġbor kull qawwa ta' ġieh."

Għalih il-muftieħ tal-problemi tal-ħajja hu biss it-tagħlim li xorob ma' ħalib ommu fil-fidi ta' żgħuritu. "Hemm l-hena 'l hinn mill-mewt", jagħlaq waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu, "Il-Wied u Jien", u din hi t-tama li tqawwilu qalbu u dejjem tfarrġu fit-taqliba mqita tal-"baħar ta' ħajtu".

U f'kull ħsieb tal-poeżiji tas-Sur Ġużè Chetcuti hemm mewġa sħuna ta' ħajja, hemm tiżwiq imlewwen ta' dellijiet u dija li juru bid-dieher il-ġenju ta' l-artista. Għax mad-dehen ta' moħħu hemm jaħdmu wkoll il-fantasija u l-qalb. Hi din is-sensibiltà ta' qalbu, hu dan il-ħolm ta' fantasija dejjem imqajma, li jġagħlu 'l-poeta jħoss u jfisser kull taħbita siekta li tħabbat ġo sider il-ħolqien u jikxfulu quddiemu tixbih u dehriet dejjem jiġġeddu, li ma tarax il-kotra, fejn ruħu tisker u tintilef, u fit-telfa togħla u tittajjar f'wesgħat ta' dinjiet ġodda, mogħnija bid-dija ta' Dak li hu "Id-Dawl ta' dejjem!"

Il-ġabra tal-Poeżiji tas-Sur Ġużè Chetcuti hi ġawhra oħra mill-isbaħ fid-damma tal-letteratura Maltija.

Gidi.

## LILL-KITTIEBA

Nitolbu lill-kontributuri taghna li jindirizzaw il-kitbiet taghhom lill-Editur "Leħen il-Malti", 18, Triq Sant'Andrija, il-Belt.

## XIRKA GHAT-TIXRID TA' L-ILSIEN MALTI—NADUR.

### KUMITAT GHAS-SENA 1945

President: Prof. P. Pawl Tabone O.F.M., J.C.Th. Mor. Lect. Glis., Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa.

Viċi President: In-Nutar Ġużeppi Cauchi, LL.D.

Segretarja: Is-Sinjurina Ġiġa Portelli (Teacher).

Kaxxier: Is-Sur Kelinu Grima (Teacher).

Ass. Segretarju: Is-Sur Ġ. Muscat (Student).

Assistent Kaxxier: Is-Sur Ġ. Said (Student).

Membri: Is-Surmast Anton Buttigieg; is-Sur Pawl Portelli Ph.C.; is-Sur Ġ. Debono.

# HAREĠ

L-EWWEL XOGHOL TA' POEŻIJI TA'

**ĠUŻÈ CHETCUTI**

WIEHED MILL-POETI Ż-ŻGHAŻAGH MAGHRUFA

LI ISMU ILU MARBUT

MAL-KITBA U R-REBHA TA' LSIENNA.

JINBIEGH 3s. 6d. MINN GHAND IL-LIBRARA KOLLHA.

---

**HAREĠ UKOLL**

# MOHBA TAL-QALB

ĠABRA TA' 100 POEŻIJA TA'

**DUN FRANS CAMILLERI**

DWAL MINN FUQ IL-QUĊĊATA TAL-GHANA

IMNEBBHIN MINN ALLA, IL-HOLQIEN U L-GWERRA.

JINBIEGH 3s. 6d. MINN GHAND IL-LIBRARA KOLLHA.

---

IBNU LIBRERIJA MALTIJA D-DAR TAGHKOM

U HEĠĠU LILL-KITTIEBA TAGHNA.

BILLI TIXTRU, TAQRAW U XXANDRU

X-XOGHLIJIET TAGHHOM.